MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 12/2024 LM

**Matthew Degiorgio (K.I. nru. 34481M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Air Malta p.l.c. (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-23 ta' Frar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent

**Matthew Degiorgio (K.I. nru. 34481M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], kif ġej:

> “*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta’ dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent kaptan Matthew Degiorgio kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-liġi.*
>
> ***Kumpens***
>
> *It-Tribunal jordna kumpens mingħand is-soċjetà għar-rikorrenti ta’ tmenin elf, sitt mija u erbgħa u disgħin euro (€80,694) li jitħallsu fi żmien sitt ġimgħat minn din id-deċiżjoni.*
>
> *Dan motivat kif ġej;*

| | |
|---|---|
| *Dħul totali tar-rikorrenti għas-sena 2019 folio 980* | *€112,294* |
| *Differenza minn dan is-salarju għas-salarju mal-Wizz Air sottomissjonijiet Para 66* | *€31,600* |
| *Salarju kurrenti tal-appellant għal sena sħiħa* | *€80,694* |
| *Total ta’ kumpens* | *€80,694* |

> *L-ispejjeż tal-kawża għad-debitu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Air Malta p.l.c.*
>
> *It-Tribunal jiddikjara l-każ magħluq.*”

## Fatti

2. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata bħala bdot (*Junior First Officer*) permezz ta’ kuntratt ta’ impjieg indefinit, b’effett mill-10 ta’ Ottubru, 2001. Sussegwentement, il-kariga tiegħu mal-istess kumpannija inbidlet għal dik ta’ *First Officer* b’effett mit-12 ta’ Frar, 2002. Eventwalment ir-rikorrent laħaq *Captain/Commander,* b’effett mit-3 ta’ Diċembru, 2018. Ir-rikorrent qal li huwa dejjem qeda d-dmirijiet professjonali tiegħu b’mod impekkabbli, u anki rċieva *commendation letters* mis-soċjetà appellata bħala

rikonoxximent għax-xogħol eżemplari mwettaq minnu. Qal li l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-bdoti mas-soċjetà intimata huma regolati minn Ftehim Kollettiv iffirmat bejn l-*Association of Airline Pilots Malta (ALPA)* u s-soċjetà appellata fis-26 ta' Jannar, 2018. Qal ukoll li huwa membru ta' ALPA, u sar membru tal-Kumitat Eżekuttiv ta' din l-Assoċjazzjoni fl-1 ta' Mejju, 2017, filwaqt li fl-2018 ġie maħtur Viċi President tagħha, liema kariga huwa baqa' jokkupa sa Settembru 2020. Ir-rikorrent qal li permezz ta' avviż tas-7 ta' April, 2020, is-soċjetà intimata kienet infurmat lil ALPA u lid-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, bl-intenzjoni tagħha li tiddikjara s-sensji kollettivi *ai termini* tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi) (L.S. 452.80), fejn is-soċjetà intimata indikat li kellha l-ħsieb li tittermina l-impjieg ta' mija u tmien (108) bdot, u li fuq il-kotba tagħha żżomm biss sitta u għoxrin (26) bdot. Ir-rikorrent qal li huwa kien il-*porta voce* tal-Kumitat ta' ALPA waqt il-laqgħat li saru bejn il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' ALPA u s-soċjetà intimata. Qal li waqt dawn il-laqgħat li saru wara li ġew itterminati l-impjiegi ta' disgħa u sittin (69) bdot, huwa kien suġġett għal atteġġjament ostili u intimidatorju, u għal numru ta' kummenti inġurjużi, anki abbażi tat-twemmin politiku tiegħu, liema kummenti kienu maħsuba biex iwaqqgħu l-kredibbilità tax-xogħol kontinwu li huwa għamel f'ALPA sabiex jiġu salvagwardjati l-impjiegi tal-membri tagħha. Ir-rikorrent qal li permezz ta' komunikati identiċi, is-soċjetà intimata infurmat lil disgħa u sittin (69) bdot, anki lilu, li l-impjieg tagħhom kien ser jiġi tterminat b'effett minn nofs il-lejl u minuta tat-8 ta' Ġunju, 2020. Qal li t-terminazzjoni ta' dawn l-impjiegi saret b'konsegwenza tal-proċeduri ġudizzjarji abbinati mal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 659/2020 TA, u tad-digriet relattiv mogħti mill-Qorti fir-rigward. Qal li d-deċiżjoni li jiġi tterminat l-impjieg ta' disgħa u sittin

(69) bdot, ġiet ikkomunikata lill-persuni affettwati minkejja li n-negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u l-prinċipal kienu għadhom pendenti, u minkejja li ċ-Chairman tal-kumpannija kien ta l-kelma tiegħu li l-kumpannija ma kinitx ser tipproċedi bis-sensji pendenti negozjati ġodda dwar il-futur tal-kumpannija, liema diskussjonijiet fil-fatt kienu nbdew f'Ġunju tal-2020, u kellhom ikunu koperti minn *Non-Disclosure Agreement* ippreżentat lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' ALPA. Qal li d-deċiżjoni li jiġi tterminat l-impjieg ta' numru ta' bdoti, ttieħdet ukoll minkejja li waqt laqgħa li saret ġewwa l-Berġa ta' Kastilja fil-preżenza tar-rikorrent, il-Prim Ministru dakinhar irrikonoxxa l-eżistenza u l-validità tal-ftehim li kien ġie ffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u ALPA fis-26 ta' Jannar, 2018, u li permezz tiegħu l-Gvern kien ta garanzija ta' xogħol f'Malta u garanzija ta' *take home pay* lill-piloti, skont il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv. Qal li waqt dik l-laqgħa, il-Ministru responsabbli mis-soċjetà intimata kien iddikjara wkoll li ma kienx hemm il-ħsieb li jsiru dawn is-sensji kollettivi, kif ukoll li l-kundizzjonijiet ta' impjieg regolati b'dan il-Ftehim Kollettiv huma *"kompetittivi"*.

3. Ir-rikorrent qal ukoll li tul in-negozjati, ALPA kemm-il darba kienet irrilevat l-irritwalità u n-nuqqas ta' siwi legali tal-proċedura mibdija mis-soċjetà intimata *ai termini* tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi, anki permezz ta' Protest Ġudizzjarju (numru 87/2020), fejn ALPA kienet invokat formalment u ġudizzjarjament id-drittijiet tagħha naxxenti mill-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), ir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi) (L.S. 452.80), ir-Regolamenti dwar Dritt għal Informazzjoni u Konsultazzjoni mal-Impjegati (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.96), l-artikoli 6, 21, 24 u 29 tal-Karta Soċjali Ewropea, tal-Artikolu 27 tal-Karta tad-Drittijiet

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà intimata naqset milli tottempera ruħha mal-obbligu tagħha li tikkonduċi konsultazzjonijiet li jkopru kif jistgħu jiġu evitati s-sensji kollettivi jew it-tnaqqis ta' numru ta' impjegati milqutin minn tali sensji, u biex jimmitigaw il-konsegwenzi tagħhom, kif ukoll minħabba li l-kumpannija naqset milli tipprovdi lil ALPA b'informazzjoni idoneja u suffiċjenti *ai termini* tar-Regolament 6 tal-istess Regolamenti, b'mod li l-Assoċjazzoni setgħet titqies li verament qiegħda tissalvagwardja l-interessi tal-impjegati tagħha.

4. Ir-rikorrent qal ukoll li minkejja li l-kumpannija kienet qalet li kienet ser tipprovdi lil ALPA b'lista tal-persuni li ser ikunu affettwati bl-imsemmija sensji, tali lista qatt ma kienet ġiet mgħoddija lil ALPA. Qal ukoll li kien biss tliet ġimgħat wara li ġie tterminat l-impjieg tal-persuni affettwati b'din id-deċiżjoni, li l-kumpannija bagħtet l-imsemmija lista lil ALPA, u dan minkejja li din il-lista kienet intbagħtet lid-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fis-16 ta' April, 2020. Qal iżda li din il-lista ma kinitx tipprospetta t-tkeċċija ta' 69 bdot u ż-żamma mal-kumpannija ta' 62 bdot ieħor, iżda kienet tindika li ser jinżammu biss fl-impjieg 26 bdot. Qal li l-ALPA qatt ma ngħatat lista li tindika ż-żamma ta' 62 bdot fl-impjieg u t-terminazzjoni ta' 69 bdot, akkumpanjata bil-kriterji utilizzati u applikati mis-soċjetà intimata fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha. Qal li għalhekk is-soċjetà intimata naqset fl-obbligu tagħha li tqiegħed lil ALPA f'pożizzjoni li ssemma leħinha għar-rigward tal-klassifikazzjoni tal-bdoti in kwistjoni, għar-rigward tal-għażla u tal-eliġibbiltà għall-istess lista, u għar-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju *Last-In-First-Out.* Qal li dan huwa nuqqas ta' trasparenza u ta' kontabilità bi ksur tad-drittijiet proċedurali li kellhom jiġu

akkordati lir-rappreżentanti tal-impjegati sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom.

5. Ir-rikorrent qal li fil-fatt is-soċjetà intimata pproċediet bis-sensji kollettivi, u ppreżentathom bħala *fait accompli,* u għalhekk mingħajr ma kkunsidrat kienx hemm rimedji alternattivi għall-membri ta' ALPA. Ir-rikorrent spjega li b'żieda ma' dan kollu, is-soċjetà intimata naqset milli tidħol f'diskussjonijiet dwar l-għażla tal-kriterji u tal-konsiderazzjonijiet li kellhom jiġu utilizzati fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha, u fil-mod kif ġew identifikati l-bdoti li setgħu jew li kellhom jinżammu fl-impjieg tagħha. Qal li waqt laqgħa li saret fl-4 ta' Mejju, 2020, ftit jiem biss qabel ġie fi tmiemu l-perijodu oriġinali ta' konsultazzjoni, rappreżentanti tas-soċjetà intimata kienu stqarru li l-ħsieb oriġinali tal-kumpannija kien inbidel, u li kienu ser jinżammu numru ta' bdoti fuq il-kotba tagħha ekwivalenti għal *62 Full-Time Equivalent.* Qal li minkejja dan, il-kumpannija għażlet li tmur lura minn dan il-ħsieb u fil-fatt żammet biss 62 bdot fl-impjieg, li huma ekwivalenti għal 57.5 *Full-Time Equivalent.* Qal li għalhekk id-deċiżjoni tas-soċjetà intimata li tittermina l-impjieg tiegħu ittieħdet bi ksur tad-dikjarazzjonijiet u tal-parametri li hija kienet ikkomunikat fl-4 ta' Mejju, 2020, u dan għaliex bl-applikazzjoni tal-kriterji tal-*Full-Time Equivalent,* huwa kien jikkwalifika sabiex jinżamm fl-impjieg mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent qal ukoll li s-soċjetà intimata naqset milli tipprovdi spjegazzjoni rigward l-iskorrettezzi fl-indikazzjoni tal-*work load/flying time* ta' numru ta' impjegati indikati fil-lista mgħoddija lil ALPA, u dan minħabba li hemm numru ta' bdoti li huma *medically grounded,* u oħrajn li jwettqu l-*flying duty* tagħhom fuq bażi ta' *reduced hours* jew li jokkupaw karigi tekniċi jew amminstrattivi mal-kumpannija. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà intimata, b'mod opportunist u predatorju, ħadet vantaġġ mis-

sitwazzjoni u miċ-ċirkostanzi prevalenti sabiex tisforza u timponi tibdil fid-drittijiet spettanti lill-membri ta’ ALPA skont il-Ftehim Kollettiv viġenti, liema tibdil ma kienx neċessarju għaż-żamma tal-impjegati membri tal-istess Assoċjazzjoni, u li ma kienx proporzjonat fiċ-ċirkostanzi. Ir-rikorrent qal ukoll li s-soċjetà intimata naqset milli tidħol f’diskussjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-kumpens li għandhom jitħallsu l-impjegati affettwati. Ir-rikorrent qal li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata lilu kkawżalu danni u preġudizzju għall-karriera tiegħu, partikolarment għaliex kellu jfittex impjieg alternattiv barra l-pajjiż, tilef il-grad tiegħu bħala *Captain/Commander,* u ser ikollu jħallas ammont konsiderevoli ta’ flus sabiex ikun jista’ jżomm il-liċenzja ta’ bdot.

6. In vista tal-predett, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, tammonta għal tkeċċija inġusta; jordna lis-soċjetà intimata terġa’ timpjega lir-rikorrent taħt il-kundizzjonijiet u l-benefiċċji li kien suġġett għalihom qabel id-data tat-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg; fin-nuqqas tal-akkoljiment tat-tieni talba, jew f’każ li ma jkunx possibbli li din it-talba tiġi milqugħha, jillikwida l-kumpens dovut lilu skont dak li jipprovdi l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, u jordna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat.

7. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat għal raġuni ta’ *redundancy* ġenwina, u mhux b’mod diskriminatorju, u għalhekk dan ma jistax jikkostitwixx tkeċċija inġusta. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent għamel numru ta’ allegazzjonijiet, inkluż meta jsemmi t-twemmin politiku tiegħu sabiex jallega li huwa safa diskriminat, imma fil-każ odjern kien

hemm raġuni ġenwina li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minħabba *redundancy.* Qalet li filwaqt li l-oneru tal-prova li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet għal raġunijiet ġewini, jinkombi fuqha, huwa r-rikorrent li jrid jipprova li kien hemm diskriminazzjoni miegħu, kif jallega. Qalet ukoll li l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta' osservanza ta' liġijiet u obbligi oħra m'hija tal-ebda rilevanza għal dawn il-proċeduri, għaliex anki jekk ir-rikorrent jipprova b'suċċess dak li qiegħed jallega, dan ma jista' qatt iwassal għal sejbien ta' tkeċċija inġusta. Qalet ukoll li t-Tribunal m'għandux is-setgħa jew il-kompetenza li jiddeċiedi dwar tali lanjanzi.

8. Is-soċjetà intimata qalet li bħal-linji tal-ajru kollha madwar id-dinja, hija kienet milquta b'mod negattiv ħafna waqt il-pandemija tal-COVID-19. Qalet li kien hemm xhur fejn titjiriet kummerċjali kienu pprojbiti, kien hemm nuqqas drastiku fin-numru ta' passiġġieri, u kien hemm miżuri restrittivi fuq l-ivvjaġġar bejn pajjiż u ieħor. Qalet li hija kellha tieħu miżuri konkreti f'kull qasam operattiv tagħha għaliex ma kinitx tiflaħ għall-piż tas-salarji kollha meta l-introjtu tagħha kien naqas drastikament. Żiedet tgħid li hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex iżżomm lill-impjegati tagħha kollha fl-impjieg, u ħadet numru ta' miżuri li kienu jinkludu tibdil fil-ftehim kollettiv. Imma hija ma setgħetx tasal għal ftehim mal-*union* tal-bdoti, minkejja li kien hemm perijodu ta' sittin (60) ġurnata għall-konsultazzjoni. Qalet li l-proposti li saru minnha kienu maħsuba biex kull bdot jinżamm fuq il-kotba tal-kumpannija, u sabiex jonqos il-piż finanzjarju u piżijiet oħrajn li jirrigwardaw l-operat u r-relazzjonijiet industrijali, imma ladarba ma ntlaħaq l-ebda ftehim, hija kellha tagħti s-sensji lil 69 bdot, li jsarraf fi tnaqqis ta' €5.3 miljun fis-sena f'salarji biss. Is-soċjetà intimata qalet li n-numru ta' bdoti meħtieġa minnha huwa fid-diskrezzjoni tagħha, abbażi tal-prospetti tas-suq u

tal-iskeda li tkun ser topera. Qalet li meta r-rikorrent isemmi 62 *Full-time Equivalent,* dan kien in-numru kkalkolat minnha sabiex hija setgħet tibqa' topera r-rotot li kienu ppjanati dak iż-żmien.

9. Is-soċjetà intimata qalet li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat minħabba *redundancy,* u għalhekk l-istorja li għandu r-rikorrent magħha, u l-mod kif huwa wettaq xogħlu tul is-snin, m'huwa ta' ebda rilevanza. Qalet li hija qatt m'allegat li r-rikorrent ma kienx jaqdi dmiru sewwa. Qalet ukoll li jekk ġewx segwiti r-rekwiżiti tar-regolamenti dwar l-informazzjoni u konsultazzjoni jew dawk dwar sensji kollettivi, huwa wkoll irrelevanti. Is-soċjetà intimata qalet li mhuwiex minnu li hija naqset milli tosserva xi obbligu proċedurali impost fuqha bil-liġi. Qalet li filwaqt li n-nuqqas ta' ħarsien ta' obbligi proċedurali għandu konsegwenzi speċifiċi, dan m'għandu qatt iwassal biex *redundancy* ġenwina tiġi annullata. Is-soċjetà intimata qalet li hija marret lil hinn mill-obbligi tagħha skont ir-regolamenti dwar l-informazzjoni u konsultazzjoni, u dawk li jirregolaw is-sensji kollettivi, u l-konsultazzjonijiet li żammet kienu effettivi, tant hu hekk li hija kienet irrevediet il-pożizzjoni oriġinali tagħha biex tibqa' tipprovdi l-ogħla livell ta' servizz, biex tkun vijabbli u biex iżżomm fl-impjieg numru akbar ta' impjegati milli kien oriġinarjament ipprospettat. Qalet li mhuwiex minnu li hija kienet qiegħda taħbi xi fatti minn ALPA jew mir-rikorrent innifsu, iżda kienet qiegħda tara kif tagħmel biex iżżomm kemm jista' jkun impjegati magħha.

10. B'riferiment għall-ftehim li r-rikorrent jgħid li kien iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u ALPA fis-26 ta' Jannar, 2018, is-soċjeta intimata qalet li hija ma kinitx parti f'dan il-ftehim, u fi kwalunkwe każ tali ftehim m'għandu l-ebda rilevanza ladarba l-allegazzjoni tar-rikorrent hija li kien hemm tkeċċija inġusta. Qalet li l-

Gvern ta' Malta huwa azzjonist ewlieni tagħha, imma d-diriġenza tal-kumpannija hija fdata fil-bord tad-diretturi u fit-tim tal-*management* eżekuttiv.

11. Is-soċjetà intimata qalet li lanqas l-ilment tar-rikorrent dwar il-fatt li ma kien hemm ebda ftehim dwar il-kumpens li għandu jitħallas minnha lill-bdoti, ma jnaqqas xejn mir-raġuni għalfejn l-impjieg tar-rikorrent ġie fi tmiemu. Qalet li din hija kwistjoni kuntrattwali u lanqas taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, iżda jekk xejn taqa' taħt il-kompetenza tal-Qrati Ċivili. Qalet li meta hija bagħtet tinnotifika lid-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (id-DIER) dwar il-ħsieb tagħha li tagħti sensji kollettiiv, hija kienet ittrattat din il-kwistjoni u esprimiet il-fehma tagħha li ma kienx hemm lok fejn jingħata kumpens ulterjuri, għajr għal dak obbligatorju skont il-liġi, u dan in vista taċ-ċirkostanzi finanzjarji xejn feliċi li kienet għaddejja minnhom. Qalet ukoll li ALPA lanqas biss għamlet talba sabiex il-partijiet jidħlu f'diskussjoni dwar kumpens ulterjuri *ai termini* tal-artikolu 43.4 tal-ftehim kollettiv.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Frar, 2024, it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet inġusta, u llikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilu fl-ammont ta' €80,694, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Konsiderazzjonijiet</u>***
>
> *It-Tribunal kellu quddiemu każ fejn ir-rikorrenti lmenta li ġie mkeċċi inġustament mill-impjieg tiegħu għaliex ingħata s-sensja meta hu qed jallega li ma kellux ikun inkluż fil-lista ta' 69 bdot issensjati skont l-informazzjoni mogħtija mill-kumpannija. Ma' dan iżid li l-kumpannija appellata naqset li tforni informazzjoni effettiva lir-rikorrent*

*tramite l-*employee representative *li minħabba f'hekk żvantaġġatu milli jagħmel l-aħjar proposti lill-kumpannija biex isalva l-impjieg tiegħu.*

*Min-naħa l-oħra l-kumpannija appellata ssostni li s-sensji mogħtija kienu ġenwini, applikat il-prinċipju tal-*last in first out *skont il-liġi, kif ukoll segwiet ir-regolamenti 452.80 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll irrispettat il-ftehim kollettiv fis-seħħ meta saru s-sensji. Il-kumpannija żżid li f'ebda ħin ma kien hemm xi diskriminazzjoni mill-kumpannija fil-konfront tar-rikorrent.*

<u>*Terminazzjoni u notifika ta' sensja* (redundancy)</u>

*It-Tribunal ried jibda billi jħares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu sensja –* 'redundancy'.

*Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' sensja* "redundancy" *iżda l-ġurisprudenza Maltija u barranija toffri għarfien sostanzjali dwar dan.*

*Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.13 jgħid li:*

"A dismissal shall be for reason of redundancy if it is wholly or mainly attributable to:

(a) The fact that the employer has ceased, or intends to cease, to carry on that business for the purpose for which the employee was employed; or
(b) The employer has ceased or intends to cease to carry on that business in the place where the employee was employed; or
(c) The fact that the requirements of that business for employees to carry out work of a particular kind, or for them to carry out that work in the place where there were so employed, have ceased or diminished or are expected to cease or diminish.

*Ma' dan irid jingħad li l-piż tal-provi li s-sensji kienu ġenwini jaqgħu fuq il-prinċipal. Ref – Selwyn Law of Employment 21st Edition para. 18.12*

<u>*Covid 19 u l-effett fuq il-kumpannija*</u>

*L-esponenti soċjetà tirrileva li l-operat tal-kumpannija kien ġie stultifikat minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u għalhekk kellhom jittieħdu miżuri mill-awtoritajiet. It-tnaqqis fl-operat ma kienx riżultat ta' xi deċiżjoni li ttieħdet mill-kumpannija imma xorta waħda kellha tirriorganizza l-operat tagħha mill-ġdid bħala reazzjoni għall-bidla ta' taħt fuq fis-suq u tfassal pjan biex l-operat jibqa' ħaj kemm iddum il-pandemija u jkun vijabbli wara li tkun għaddiet.*

*Tant li fir-rigward tal-impjegati, dan il-pjan fisser illi minħabba tnaqqis fl-operat il-kumpannija ma kellhiex bżonn il-bdoti kollha li kienu impjegati magħha dak iż-żmien. Għalhekk, il-kumpannija kellha tiġbed żewġt iħbula – min-naħa waħda kellha tipprova ssalva l-operat tagħha, u mill-oħra tipprova ssalva kemm jista' jkun impjiegi biex taqdi l-iskeda tal-operat waqt il-pandemija u tkun kapaċi tirreaġixxi*

*immedjatament f'każ ta' żieda fix-xogħol hekk kif ittaffi l-pandemija. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà parra 10, 11, 12, 13.*

*Min-naħa l-oħra r-rikorrent ma jikkontestax il-bżonn li jsiru s-sensji imma jilmenta dwar il-klassifikar ta' dawk identifikati biex jingħataw is-sensji u n-nuqqas ta' informazzjoni min-naħa tas-soċjetà li minħabba f'hekk, żvantaġġjatu milli jagħmel il-każ tiegħu mal-kumpannija appellata. Sottomissjonijiet verbali paġna 5.*

*Id-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali approva l-bidu tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sensji proposti mis-soċjetà – Ref. Folio 55 u aktar tard anki approva l-estensjoni tal-perijodu ta' konsultazzjoni għal 30 jum ieħor – Ref. Folio 785.*

*L-evidenza hija ċara biżżejjed biex it-Tribunal jikkonkludi li l-proposta għat-terminazzjoni tal-impjiegi minn mas-soċjetà minħabba raġuni ta'* redundancy *kienet waħda ġenwina. Ma' dan wieħed iżid li f'każijiet ta' sensji l-fatt li r-raġuni kienet waħda ġenwina mhux biżżejjed. Id-deċiżjoni tas-sensji ma tridx biss tkun waħda ġenwina imma ġusta wkoll. Għalhekk it-Tribunal għadda biex jissindika l-elementi li jikkostitwixxu tkeċċija ġusta skont il-liġi.*

*<u>L-għoti tas-sensji skont il-liġi</u>*

*Il-prospett ta' sensji hija sitwazzjoni diffiċli ħafna kemm għall-impjegati kif ukoll għall-prinċipal. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-prinċipal irid joqgħod attent ħafna biex jimmaniġġja sitwazzjoni bħal din b'ħafna sensittività u solidarjetà biex ikun minimizzat kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq dawk milquta filwaqt li jassigura s-sostenibbilità tan-negozju.*

*Għalhekk, l-importanza li s-sensji mhux biss iridu jkunu ġenwini imma wkoll ġusti skont il-liġi. Il-liġi sussidjarja 452.80 tpoġġi s-segwenti obbligi fuq il-prinċipal li jkun irid isegwi meta jkun fi ħsiebu jwettaq sensji kollettivi:*

1. *Jgħaddi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha*
2. *Jagħti r-raġunijiet għas-sensji*
3. *Jgħaddi n-numru ta' impjegati li hemm il-ħsieb li jingħataw is-sensja*
4. *Jgħaddi n-numru tal-impjegati li normalment timpjega l-kumpannija*
5. *Jagħti l-kriterji li jkunu qed jiġu proposti biex fuqhom issir l-għażla ta' dawk li jingħataw is-sensja*
6. *Jagħti d-dettalji dwar il-kumpens dovut minħabba l-għoti tas-sensji*
7. *Jindika l-perijodu li tulu se jingħataw is-sensji*

*Selwyn jelabora li:*

Although a redundancy situation may be grounds for dismissal, it does not follow that such a dismissal will automatically be fair.

*Fil-każ ta' Williams vs Compair Maxam Ltd, it-tribunal tal-impjiegi Ingliż stabilixxa s-segwenti ħames prinċipji ta' prattika tajba ta' relazzjonijiet industrijali:*

a. The employer will give as much warning as possible of impending redundancies so as to enable trade unions and employees to consider alternative solutions and seek alternative employment.
b. The employer will consult with the unions as to the best means by which the desired objective can be achieved with as little hardship as possible. In particular, the criterion for selection should be agreed, and the actual selection should be made in accordance with the criterion.
c. The criterion for selection should not depend solely on the opinion of the person making the selection, but should be one which can be objectively checked.
d. The employer must ensure that the selection is made in accordance with that criterion and will consider and representations made.
e. The employer will ascertain whether there is any alternative employment which can be offered.

*Ref – Selwyn Law of Employment 21st Edition para. 18.41.*

*Għalhekk it-Tribunal ried mhux biss iħares lejn l-obbligi legali kollha li jikkostitwixxu tkeċċija ġusta imma ukoll, kif dawn l-obbligi ġew applikati fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Ma' dan it-Tribunal irid iħares lejn il-mod kif il-prinċipju tar-raġonevolezza, iġifieri jekk prinċipal tipiku kienx iġib ruħhu bl-istess mod quddiem sitwazzjoni bħal din, kienx applikat.*

*L-esponenti soċjetà tirrileva li l-kumpannija kienet;*

*(i)* *Ġustifikata li tħabbar is-sensji minħabba riduzzjoni fl-operat tal-kumpannija sal-punt li kellha iktar impjegati milli kellha bżonn;*

*(ii)* *Segwiet l-obbligi tagħha u d-drittijiet tal-bdoti meta ħabbret l-intenzjoni li jsiru s-sensji u tat l-informazzjoni kollha li kien hemm bżonn, żammet laqgħat u anki għamlet kontro-proposti meta saru xi proposti mill-ALPA; iddiskutiet u kkonsultat mal-kumitat eżekuttiv tal-ALPA, tant illi kienet anki rriduċiet in-numru ta' bdoti li kien oriġinarjament maħsub li jiġu terminati permezz tas-sensji;*

*(iii)* *Uriet li tant qed tipprova żżomm il-bdoti fl-imjieg illi kompliet tiddiskuti anki wara li s-sensji saru effettivi.*
*Ref sottomissjonijiet tal-appellata soċjetà para 25.*

*Is-soċjetà appellata żżid li hi tat l-informazzjoni kollha mitluba mil-liġi. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 65 u tassertja li mkien ma hemm fil-liġi li l-prinċipal*

*irid jgħaddi xi lista tal-impjegati li turi liema impjegati ser jiġu terminati u dawk li ser jibqgħu fl-impjieg – ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 66 (b).*

*Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jargumenta li fil-verità ma kienx hemm proċess ta' konsultazzjoni effettiva għaliex jallega vjolazzjoni tal-obbligi tal-kumpannija intimata li tottempra ruħha mal-obbligi sostantivi naxxenti mir-regolamenti 452.80 b'mod li ġew leżi d-drittijiet tal-*employee representatives, *kif ukoll dawk tar-rikorrenti nnifsu. Ir-rikorrenti jallega ukoll applikazzjoni skorretta tal-informazzjoni li l-kumpannija intimata, għażlet li tipprovdi lill-*employee representatives *qabel u waqt il-perijodu ta' konsultazzjoni, liema applikazzjoni ssarrfet fl-eżekuzzjoni tar-rikorrent mill-parametri indikati mill-kumpannija stess u għaldaqstant, fit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu.*

*Ir-rikorrenti jilmenta li s-soċjetà għaddiet lista ta' dawk li kienu ser jiġu ssensjati lid-DIER nhar is-16 ta' April, 2020 imma mhux lill-*employee representatives. *Dan minkejja li s-soċjetà wegħdet li tagħmel dan meta avżat lid-DIER nhar is-7 ta' April, 2020 li kien fi ħsiebha tagħti s-sensji. Ir-rikorrenti kompla jilmenta li l-lista proprja li finalment intużat biex isiru s-sensji ingħatat lill-*employee representatives *wara li ngħataw is-sensji meta skont ir-rikorrenti, is-soċjetà kellha l-obbligu li tagħmel dan qabel u mhux wara li saru s-sensji.*

*<u>Konsultazzjoni</u>*

*Huwa stat ta' fatt illi s-soċjetà appellata intlaqtet minn sitwazzjoni bla preċedent li affettwat serjament in-negozju u anki l-viabilità u s-sostenibbilità tagħha. Għalhekk quddiem sitwazzjoni inċerta u li tinbidel minn jum għal ieħor kellha tieħu deċiżjonijiet pjuttost drastiċi fosthom is-sensji kollettivi. Iżda minkejja li s-sensji kollettivi huwa l-kuntest ta' dan il-każ, xejn ma jnaqqas mill-fatt li dan il-każ jirrigwarda l-interessi ta' ħaddiem partikolari. Għalhekk xorta jibqgħalu d-dritt li ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jkunu kkonsidrati, f'dan il-każ jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, saritx b'mod ġust skont ir-regolamenti tal-kap. 452.80.*

*Kien hemm laqgħa tal-24 ta' Marzu, 2020 bejn l-unjins u s-*senior management *fejn tħabbru miżuri fid-dawl tal-pandemija u segwita minn ittra lid-DIER fejn talbu l-approvazzjoni tad-dipartiment biex jiddaħħlu l-miżuri msemmija. Saret laqgħa oħra fit-2 ta' April, 2020 mingħajr konklużjoni materjali. Fis-7 ta' April, 2020 tħabbru s-sensji mill-kumpannija u bdew il-konsultazzjonijiet uffiċjali.*

*Filwaqt li s-soċjetà, f'dan l-istadju bikri pprovdiet l-informazzjoni dwar il-kriżi tal-pandemija u anki elenku tal-miżuri li kienet qed tipproponi, iż-żmien ta' diskussjoni kif mifhum fil-liġi sussidjarja 452.96, partikolarment art. 4(2) kien pjuttost qasir biex ikun utli fiċ-ċirkostanzi. Min-naħa l-oħra t-Tribunal jifhem ukoll li f'ċirkostanzi straordinarji u volatili, konsultazzjoni effettiva hija sfida u filwaqt li tibqa' obbligu, min-naħa l-oħra*

*ċertu ħeffa fil-proċess m'għandux jitqies nuqqas ta' rieda biex tikkonsulta. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 9. Ref. MDG 7-8 folios 735-738.*

*Wara li tħabbru s-sensji kien hemm iżjed laqgħat bejn id-9 ta' April, u l-1 ta' Ġunju, 2020. Is-soċjetà tgħid li kien hemm konsultazzjoni tant li l-kumpannija kienet anke rċeviet proposti u suġġerimenti dwar il-proposti oriġinali tal-kumpannija liema proposti ddiskutithom mar-rappreżentanti tal-impjegati. Tant li s-soċjetà għamlet anki kontro-proposti – Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 113 – 114.*

*L-ALPA ilmentat li l-maniġment ma kienx interessat jiddiskuti l-garanzija tax-xogħol mogħtija mill-Gvern u anki għall-fatt li s-soċjetà riedet tiddiskuti l-kundizzjonijiet tax-xogħol fid-dawl tal-kriżi imma ukoll għall-futur tal-kumpannija. L-assoċjazzjoni dehrilha li ma kienx il-mument għal talba bħal din u minflok in-negozjati kellhom jiffukaw esklussivament fuq il-mod kif setgħu jiġu eliminati s-sensji. L-ALPA ilmentat ukoll li s-CEO ma kienx il-persuna li kien qed imexxi l-laqgħat u anqas ikun preżenti għan-negozjati mal-ALPA.*

*It-Tribunal irid ifakkar li l-garanzija tax-xogħol ingħatat mill-Gvern indipendentement mill-kumpannija liema arranġament, l-ALPA kienet kuntenta bih. Għalhekk is-soċjetà kellha kull raġun tirrifjuta li tiddiskuti l-garanzija tax-xogħol anki jekk dan l-istrument kien fattur prinċipali fl-istrateġija tan-negozjar tal-ALPA. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para. 16.*

*Ilment ieħor tal-ALPA kien il-fatt li l-maniġment ried jiddiskuti l-kundizzjonijiet tax-xogħol fid-dawl tal-kriżi tal-avjazzjoni u t-tħejjijiet tal-kumpannija biex tirristruttura bil-ħsieb ta' sostenibbilità għall-futur. Huwa raġonevoli li meta jkun iffaċċjat b'sitwazzjoni ta' kriżi, prinċipal iħares lejn u jiddiskuti mal-unjins il-possibilità ta' tnaqqis fl-ispejjeż marbuta mal-payroll u kundizzjonijiet oħra. Il-liġi sussidjarja 452.96 tgħid b'mod ċar li:*

(4) The employer must provide the information and consultation representatives with information on:

(b) the situation, structure and probable development of employment within the undertaking and on any anticipatory measures envisaged, in particular, where there is a threat to employment within the undertaking.

*Għalhekk kellha raġun is-soċjetà intimata tintroduċi dan l-aspett fin-negozjati mal-ALPA u ma tillimitax lilha nnifisha biss għas-sensji.*

*It-Tribunal ukoll ifakkar li l-partijiet għandhom il-libertà kollha li jaħtru lil min iridu biex jirrappreżentahom waqt in-negozjati. Tant li meta l-maniġment għamel kummenti dwar ir-rappreżentanti tal-ALPA waqt diskussjonijiet li saru wara s-sensji,*

*l-ALPA ġustament ilmentat dwar dan mal-maniġment. F'dan ir-rigward, il-prinċipju jgħodd għaż-żewġ naħat u s-soċjetà kellha d-dritt ma tibgħatx lis-CEO biex imexxi n-negozjati mal-Unjin.*

*Saru aktar laqgħat f'4, 6, 12, 18 ta' Mejju, 2020 u anki laqgħa mal-Prim Ministru fl-14 ta' Mejju. Saret ukoll laqgħa fl-1 ta' Ġunju maċ-chairman tal-kumpannija fejn l-ALPA tgħid li c-chairman qalilhom li l-kwistjoni prinċipali ma kinux is-salarji imma l-iskema ta' irtirar mix-xogħol kmieni. L-ALPA tgħid li ċ-chairman kien qalilhom ukoll li l-kumpannija ma kinitx ser tipproċedi bis-sensji fid-dawl tal-pjanijiet ġodda għall-kumpannija. Hawn il-partijiet iffirmaw non-disclosure agreement u fit-tieni laqgħa maċ-chairman fit-2 ta' Ġunju saret mingħajr il-preżenza tal-avukati.*

*Minkejja dawn il-laqgħat ebda ftehim ma kien intlaħaq u fil-5 ta' Ġunju, 69 bdoti kienu notifikati mill-kumpannija li l-impjieg tagħhom kien ser ikun itterminat f'nofs il-lejl tat-8 ta' Ġunju, 2020. Ma' dan 30 kaptan ieħor irċieva avviż tad-*demotions *tagħhom għal first officers.*

*It-Tribunal ifakkar li r-regolamenti tal-liġi sussidjarja 452.96(3)(2) jgħid ċar li:*

> When defining or implementing practical arrangements for information and consultation, the employer and the employees' representatives shall work in a spirit of cooperation and with due regard for their reciprocal rights and obligations, taking into account the interests both of the undertaking and of the employees.

*Il-laqgħat bejn is-soċjetà appellata u l-ALPA kienu karatterizzati minn atmosfera ta' suspetti f'xulxin li fixklet serjament it-tifittxija għal soluzzjonijiet effettivi. Dan renda kull negozjati, diffiċli wisq biex iwasslu għal riżultati mixtieqa. It-Tribunal irid ifakkar fl-importanza kbira li l-investiment kontinwu fir-relazzjonijiet industrijali huma bħal flus fil-bank li jiswew ħafna meta l-partijiet jiġu ffaċċjati bi kriżi li teħtieġ ħidma konġunta biex tkun megħluba b'suċċess.*

<u>*Kunċett tal-*Full-Time Equivalent</u>

*Fl-industrija tal-avjazzjoni jitħaddem il-kunċett ta'* full-time equivalent *jiġifieri s-sigħat meħtieġa ta' pilotaġġ effettiv biex titħaddem l-iskeda ta' titjiriet tal-kumpannija. Is-soċjetà appellata tistqarr li riedet iżżomm l-ekwivalenti ta' 62 pilota* full-time *ingaġġat għalkemm iżżid li minkejja dan effettivament riedet iżżomm dak in-numru li kellha bżonn biex taqdi l-iskeda anke jekk finalment ma jagħmlux l-ekwivalenti ta' 62 bdot* full-time. *ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 73.*

*Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jilmenta li l-kumpannija effettivament spiċċat żammet inqas bdoti biex tkopri dawn is-sigħat.*

*Dan l-argument, it-Tribunal se jindirizzah aktar 'il quddiem imma f'dan l-istadju ried iħares jekk effettivament il-prinċipju tas-62* full-time equivalent *kienx il-kejl li s-soċjetà użat biex qatgħet il-linja bejn dawk issensjati u dawk li nżammu fl-impjieg.*

*It-Tribunal mhux se jidħol fil-persentaġġi li s-soċjetà allokat għax-xogħol effettiv ta' kull bdot għaliex hija l-prerogattiva tal-kumpannija kif torganizza s-sigħat tal-ħaddiema tagħha. F'dan is-sens it-Tribunal jaqbel mas-soċjetà li d-deċiżjoni ta' kemm jinżammu bdoti fl-impjieg hija waħda operazzjonali bbażata fuq l-iskeda ppjanata Ref MDG 28 folio 847. Iżda ġialadarba l-*full-time equivalent *ikun stabbilit dan isir kejl importanti li bih tkun evalwata l-implimentazzjoni ġusta tas-sensji.*

*Il-korrispondenza li għaddiet bejn is-CEO il-Kaptan Clifford Chetcuti u l-Kaptan Kevin Camilleri f'isem l-ALPA datati 28 ta' Ottubru, 2018 jagħmlu referenza għal 6.2* full-time equivalent *bħala* standard *tal-industrija anke jekk dan l-i*standard *jista' jvarja skont it-tip u t-tul ta' vjaġġi li jsiru. Ref. MDG 29A u 29B folio 852.*

*Il-*full-time equivalent *isir referenza għalih fid-dokument tas-soċjetà appellata MDG 31 folio 860 fejn f'paragrafu 7 jindika li l-*full-time equivalent *sa jonqos minħabba l-COVID 19 u għalhekk kienu rakkomandati s-sensji. Ref. MDG 31 folio 860.*

*Fil-preżentazzjoni li s-soċjetà għamlet nhar l-4 ta' Mejju, 2020 kienet indikat lill-ALPA li kien fi ħsiebha tħaddem 4 ajruplani fix-xitwa u ħamsa fis-sajf u b'fattur ta' 6.2 għal kull ajruplan u għalhekk kien se jkollha bżonn 31 bdot u 31* first officers. *Ref. MDG 31A folio 882.*

*Is-soċjetà żżid li hi żammet biżżejjed piloti biex topera l-iskeda tagħha ta' ħames ajruplani. Ref folio 836. Minkejja dan għas-soċjetà l-*full-time equivalent *ivarja skont l-istess skeda.*

*L-ALPA fil-minuti li pproduċiet bid-data tal-4 ta' Mejju, 2020 Ref. Folio 611 iċ-*Chief Financial Officer *jikkonferma ż-żamma ta' 62* Full-time equivalent *Ref. Folio 613.*

*F'laqgħa oħra bejn il-kumpannija u l-ALPA nhar is-6 ta' Mejju, 2002 il-konsulent legali tas-soċjetà jistqarr li jekk ma jintlaħaqx ftehim mal-Unjin, il-kumpannija kienet se tagħti s-sensji lill-piloti kollha filwaqt li żżomm l-ekwivalenti ta' 62 pilota. Folio 616.*

*Fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2020, il-kap tar-riżorsi umani tas-soċjetà jikkonferma li l-kumpannija kienet infurmat lill-ALPA li kienet se żżomm l-ekwivalenti ta' 62 pilota. Iżid li mhux kollha kienu se jkunu fil-produzzjoni. Ref. 497*

*Għalhekk it-Tribunal jikkonkludi li s-soċjetà użat il-fattur 6.2 bħala* standard *għat-titjiriet tagħha u imxiet ma' dan l-i*standard *biex tistabbilixxi s-sigħat tal-*full-time equivalent *ta' 62 bdot li kellha bżonn biex tħaddem l-iskeda tagħha wara s-sensji.*

*Għaldaqstant kien il-kejl li s-soċjetà użat biex taqta' l-linja bejn dawk li ġew terminati u dawk miżmuma.*

*<u>Talba għal-lista ta' dawk issensjati</u>*

*L-ALPA tilmenta li s-soċjetà naqset li tipprovdi lista tal-piloti li kienet se tissensja minkejja li kienet wegħdet li tagħmel dan fl-ittra tas-7 ta' April, 2020. Ref. MDG 12 folio 758. Il-Unjin tfakkar li l-uniku lista li qatt irċeviet mingħand is-soċjetà tul il-proċess ta' konsultazzjoni kienet il-lista li rċeviet nhar id-9 ta' April, 2020 magħżula skont is-sinjorità tal-bdoti Ref JG. 10, MDG 27 folio 845-846 fejn ir-rikorrenti huwa kklassifikat fin-numru 110. Skont ir-rikorrenti, din il-lista kienet* sorted *skont id-*date of last engagement *u mhux skont* 'seniority in the relevant class' *Ref folio 774. Għalhekk ma kinitx ta' utilità għaliha biex tifhem il-kriterji applikati għas-sensji.*

*Min-naħa l-oħra fix-xhieda tiegħu l-uffiċjal tad-DIER ikkonferma li d-dipartiment kien irċieva l-unika lista tiegħu fis-16 ta' April, 2020 seduta tal-25 ta' Ġunju, 2021 Ref folio 356 u 472. Din il-lista li kienet tikklassifika lir-rikorrenti fis-67 post kienet inbagħtet permezz ta' emejl mill-kap tar-riżorsi umani tas-soċjetà ikkupjata lid-direttur tad-DIER u lill-konsulent legali tagħha u lis-CEO tas-soċjetà, iżda mhux lill-ALPA. Ref folio 365 pg. 26.*

"ma hemmx l-ALPA inkluża" Ref folio 366 pg. 276

*Fl-1 ta' Lulju, 2020 l-ALPA rċeviet lista li kopja tagħha marret ukoll għand id-DIER Ref JG 13, MDG 20-21 folio 804 fejn ir-rikorrenti kien ikklassifikat fis-67 post. Fis-7 ta' Lulju, 2020 ġiet reġistrata tilwima industrijali mill-ALPA bbażata tal-fatt li l-kumpannija naqset li tipproduċi l-lista finali ta' dawk li ġew issensjati, flimkien mal-kriterji li ntużaw għall-għażla.*

*Fid-9 ta' Lulju, 2020 l-ALPA irċeviet lista oħra Ref JG 14 MDG 28 folio 845-850 li għal darba oħra tikklassifika lir-rikorrenti fis-67 post. Fis-16 ta' Lulju, 2020 l-istess assoċjazzjoni kitbet lis-soċjetà Ref MDG 26 folio 835 tilmenta li filwaqt li lista bħal din qatt ma kienet ippreżentata lill-ALPA matul il-perijodu ta' konsultazzjoni fakkret lill-kumpannija fil-wegħda li kienet tat li se żżomm fl-impjieg numru ta' bdoti li jammontaw għal sigħat ekwivalenti ta' 62 bdot* full-time. *Fl-istess ittra l-ALPA titlob kjarifika partikolari għal dawk ikklassifikati mill-post 63 sa 70. Ref folio 704 liema klassifika kienet tinkludi lir-rikorrenti.*

*Is-soċjetà tgħid li hi pprovdiet lista tas-seniority f'April, 2020 u targumenta li dan kien biżżejjed kemm għaliex il-liġi ma titlobx għoti ta' listi u anqas ma kien rilevanti għall-każ, għaliex fil-klassifikazzjoni s-soċjetà mxiet kemm mal-ftehim kollettiv art. 43(4) u anki mal-liġi kap. 452 (36)(4).*

*It-Tribunal jinnota li hemm differenzza materjali bejn lista li hija* sorted *skont id-data tal-ingaġġ fl-impjieg u lista* sorted *skont l-appointment fil-klassi partikolari li fiha kienu qed isiru s-sensji. Il-lista tas-seniority mgħoddija lill-ALPA fid-9 ta' April, 2020 Ref 191 kienet tikklassifika lir-rikorrenti fil-110 post filwaqt li dik mgħoddija lid-DIER sebat ijiem wara fis-16 ta' April, 2020 kienet tikklassifika lir-rikorrenti fis-67 post Ref 51. Kien tibdil sinifikanti fil-klassifika u t-Tribunal jistaqsi għaliex is-soċjetà għażlet li ma tgħaddix kopja ta' din il-lista? Għaliex l-ALPA kellha tistenna sal-1 ta' Lulju, 2020 biex takkwista kopja tagħha? Għażla bħal din kienet biss tagħti spjega ċara u turi trasparenza tad-deċiżjoni tas-soċjetà filwaqt li tnaqqas id-dubji.*

*<u>Relevanza u s-sustanza tal-lista</u>*

*It-Tribunal ħares ukoll lejn ir-rilevanza u s-sustanza tal-ilment tar-rikorrent meta jgħid li għax kien priv mill-informazzjoni sab ruħhu żvantaġġjat biex jagħmel proposti favur il-każ tiegħu. Biex ilment bħal dan ikun konsidrat mit-Tribunal, irid ikun hemm rabta bejn l-ilment u t-telf reali li jkun sofra r-rikorrent. Fi kliem ieħor, kemm-il darba l-lista kienet fil-pussess tal-appellant fiż-żmien propizju, kienet tbiddel il-fatt li hu jiġi ssensjat?*

> ... there could be a finding that the dismissal was consequential not unfair or that even if it was unfair, no loss was suffered by the employee, and therefore he is not entitled to compensation.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.45

*Ir-rikorrenti jgħid li l-ilment tiegħu kien għall-mod kif ġie kklassifikat ma' dawk li ġew issensjati u jargumenta li dan kien żball u kellu jiġi kklassifikat ma' dawk li nżammu fl-impjieg. Ir-rikorrenti jgħid li meta qabbel u pparaguna l-listi sab diversi differenzi fil-valuri abbinati ma' ċertu persuni li setgħu materjalment jagħmlu differenza għall-impjieg tiegħu, fosthom li l-bdoti JM u EC kellhom valur ta' 1 fil-lista tal-1 ta' Lulju filwaqt abbinati valur ta' 0.3 fil-lista tad-9 ta' Lulju. L-istess għall-bdot EA minn valur ta' 0.5 jiżdied għal valur ta' 1 u l-bdot MM li minn valur ta' 1 jinżel għal valur ta' 0.4.*

*Ma' dan l-ALPA żżid li l-bdot SG kien* medically grounded *għall-aħħar sentejn u l-ALPA kellha diffikultà tifhem kif seta' kellu valur ta' 1 abbinat miegħu meta ma kien qed itajjar l-ebda ajruplan. Kien hemm ukoll dubbju dwar il-bdot AM li għalkemm kien impjegat tas-soċjetà kien qed iservi ta' CEO mal-Malta Med Air. Minkejja dan, xorta kien abbinat valur ta' 1 fil-listi mgħoddija. Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti para 34-35.*

*Ma' dan kien hemm ukoll l-uniku* first officer *li qatt sar kaptan u għalhekk kellu l-ogħla seniority li wkoll kellu jiġi konsidrat fil-*full-time equivalent. *Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti paragrafu 34. Ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para 85.*

*Fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà f'paragrafu 96 tispjega d-diversi ċirkostanzi ta' ċertu bdoti li kellhom il-valur inqas minn wieħed u żżid f'paragrafu 97/98 li l-valur wieħed ta' bdot* full-time *ma jibqax l-istess diment illi l-kumpannija tibdel l-iskeda tagħha għax, f'dak il-każ, jew trid iżżid in-numru ta' piloti jew tnaqqas, skont il-bidla li ssir fl-iskeda. Dan ifisser illi 1.0 FTE huwa relattiv għall-iskeda li tkun qed topera l-kumpannija.*

*Iċ-ċirkostanzi personali ta' diversi bdoti kellhom effett fuq il-valuri abbinati, li allura rriżultaw dikrepanzi bejn il-lista tal-1 ta' Lulju u tad-9 ta' Lulju, 2020. Il-klassifika li kienet ibbażata fuq ir-regola tal-*Last In First Out *u anki fuq il-bumping down methodology kontemplat mill-ftehim kollettiv huma sistemi li faċli jinftiehmu. Imma, l-introduzzjoni tal-akkomodazzoni fiċ-ċirkostanzi personali ta' diversi bdoti kif ukoll l-esiġenzi korporattivi fl-allokazzjoni tas-sigħat ta' xogħol ta' bdoti f'ħidma estrana għat-titjir tal-ajruplani, għamlet dak li kien sempliċi, kumplikat.*

*Selwyn jispjega li:*

> The more vague and subjective the criteria, the greater is the need to consult with affected employees (Graham v ABF Ltd). It is the employer's responsibility to set up a fair system of selection, and to administer it fairly.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.55

*Mhux il-kompetenza tat-Tribunal li jgħid kif għandhom jinħadmu kalkoli tekniċi u anqas ma hu se jgħid lis-soċjetà min kellu jiġi ssensjat u min le imma biss jekk is-soċjetà kinitx raġonevoli jew le meta ma għaddietx din l-informazzjoni qabel li s-sensji kienu effettivi. It-Tribunal ried ukoll jara jekk il-fatt li din l-informazzjoni li ma kinitx disponibbli għar-rikorrent wasslitx biex l-esponent ikun realment limitat milli jagħmel proposti biex isalva l-impjieg tiegħu.*

> The test essentially is not whether the employment tribunal agrees with the actual selection made by the employer, but whether the employer acted reasonably. This is not the duty of the Tribunal to decide who they would have made redundant had they had to make the choice, but to ensure the management acts from genuine motives.

Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.60

*Wara riflessjoni ta' dan, it-Tribunal jinnota li l-lista ta' dawk issensjati ma kinitx xi waħda sempliċi li ssegwi ordni sempliċi ta' sinjorità mingħajr ma jingħataw ċertu dettalji ta' informazzjoni, spjega u ġustifikazzjoni dwar il-valuri abbinati ma' ċerti individwi u allura l-loġika ta' kif saret il-klassifikazzjoni.*

*It-Tribunal jikkonkludi li dawn il-listi kellhom bżonn ċertu spjega biex wieħed jifhem ir-razzjonalità ta' kif ġew abbinati l-valuri u allura l-effett li kellhom fuq il-klassifikazzjoni finali. L-argument li s-soċjetà għaddiet lista ta' sinjorità u li l-kriterju użat kien il-*last in first out *u li dan kien konsistenti mal-klawsola tal-ftehim kollettiv, jgħid parti biss mill-istorja imma mhux il-parti rilevanti għall-każ quddiem it-Tribunal. Għalhekk it-talba għal spjega kienet* leġittima *u n-nuqqas ta' spjega min-naħa tas-soċjetà hija inkonsistenti ma' dak li qalet l-istess soċjetà appellata:*

> "li l-obbligu tal-kumpannija ċertament kien wieħed fejn min kien qed jiddiskuti fuq in-naħa l-oħra tal-mejda f'isem l-impjegati, jkollu l-informazzjoni li kellu bżonn biex jifhem x'kien qed isir."
>
> Sottomissjonijiet tas-soċjetà para. 20.

*Dan ifisser li informazzjoni dettaljata bħal dik mgħoddija fid-9 ta' Lulju, 2020 kienet rilevanti u materjali għal dawk il-bdoti fosthom ir-rikorrenti li kienu fuq il-linja ta' bejn dawk li jinżammu fix-xogħol u dawk li jiġu ssensjati. Li kieku r-rikorrenti kien klassifikat wara l-post 70 kieku xorta kien ikun nuqqas li s-soċjetà ma għaddietx l-informazzjoni kollha iżda ma kienet tbiddel xejn mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Imma f'dan il-każ ir-rikorrenti kien viċin ħafna mal-linja ta' dawk miżmuma fl-impjieg u dawk issensjati fil-waqt li d-dubbji mressqa huma wkoll plawsibbli li kienu jimmeritaw konsiderazzjoni mis-soċjetà.*

*Jekk dak li qalet is-soċjetà li l-informazzjoni mitluba kienet ottjenibbli sempliċiment b'*sorting *b'mod awtomatiku allura għaliex is-soċjetà ma pprovdietx fil-ħin propizju l-informazzjoni li talbet l-ALPA? Din l-informazzjoni setgħet biss tipprovdi verifika kredibbli tal-klassifika li għamlet is-soċjetà.*

> C the criterion for selection should not depend solely on the opinion of the person making the selection, but should be one which can be objectively checked.
>
> Ref – Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.41

*Wieħed irid ifakkar li l-liġi Kap. 452 titkellem minn informazzjoni rilevanti u mhux sempliċiment informazzjoni.*

> Huwa obbligu li l-prinċipal jgħaddi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni rilevanti kollha.
>
> Leġislazzjoni sussidjarja 452.80.

*Selwyn ikompli jżid li l-informazzjoni trid tkun adegwata li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jirrispondu għaliha.*

> True consultation involves giving adequate information to which those representatives can respond.
>
> Selwyn Law of Employment 21st Edition para 18.83

*Ma sewa xejn li s-soċjetà nhar id-9 ta' Lulju, 2020 infurmat lill-*employee representatives *li:*

> Should ALPA or any of its members have any questions or require any clarifications relating to the selection of specific individuals who have been made redundant, then the company would be happy to provide any explanations and/or clarifications required with the intention, as agreed during the meeting to resolve any such potentially perceived disagreements amicably with a view to avoiding unnecessary litigation. Ref 259 para 7.

*L-ispjega u l-klarifiki kellhom isiru qabel u mhux wara li saru s-sensji u kien dan in-nuqqas tas-soċjetà li ta l-lok għall-istess* misunderstanding *li s-soċjetà qalet li riedet tevita. Ref 259 para 6.*

*Mhux neċessarju li l-prinċipal jaqbel mal-proposti tal-unjin jew l-impjegat. Konsultazzjoni mhux bilfors twassal għal ftehim imma trid issir bl-intenzjoni li twassal għal ftehim. Għalhekk proċess ta' konsultazzjoni ġenwin irid ikun miftuħ għall-iskrutinju u l-kontabilità ta' dawk milquta u trasparenti biżżejjed li anki meta l-partijiet ma jaqblux, xorta l-partijiet ikollhom rashom mistrieħa li d-deċiżjonijiet kienu ġenwini.*

*It-Tribunal jemmen li kemm-il darba principal ikollu risposti kredibbli għad-domandi leġittimi tal-impjegat dwar l-impjieg tiegħu, prinċipal tipiku ma kien jiddejjaq xejn jagħti kopja, waqt il-perijodu ta' konsultazzjoni, tal-lista tad-9 ta' Lulju, 2020 u magħha l-ġustifikazzjonijiet neċessarji. Prinċipal tipiku kien juża lista bħal din biex isaħħaħ il-kredibbilità tiegħu u s-sens ta' ġustizzja applikata fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet diffiċli bħal ma huma l-għoti ta' sensji.*
*Lista finali li abbażi tagħha ġew mogħtija s-sensji kellha tkun miftuħa għall-iskrutinju tan-naħa l-oħra tal-mejda tan-negozjati. Dan iżid fl-importanza tiegħu meta jitqies li*

*s-soċjetà hija entità pubblika u min imexxiha huwa l-gwardjan ta' assi pubbliċi u mhux is-sid.*

*Għaldaqstant kienet timmerita li din l-informazzjoni tingħata mis-soċjetà fiż-żmien propizju, iġifieri matul il-perijodu ta' konsultazzjoni, kien obbligu tas-soċjetà li tagħti l-kjarifiċi kollha neċessarji qabel ma saru s-sensji u l-appellant kellu raġun jilmenta li dan in-nuqqas żvantaġġjah serjament milli jagħmel l-argumenti tiegħu u jikkontribwixxi biex isalva l-impjieg tiegħu.*

*<u>Talba għal kumpens</u>*

*Ir-rikorrenti talab li t-tieni talba tad-dikjarazzjoni tal-Każ tiegħu m'għandix tintlaqa', madanakollu insista għal għoti ta' kumpens. Ref sottomissjonijiet tar-rikorrenti para 58.*

*Hawn it-Tribunal ried iħares lejn it-telf reali li sofra l-appellant, l-opportunitajiet li jsib impjieg ieħor adattat u anki dak li għamel l-appellant b'dawn l-opportunitajiet.*

*Ir-rikorrent kellu karriera ta' kaptan tal-ajruplani li kien investa fiha żmien twil mill-2001 li tul l-istess perijodu qeda tajjeb u fedelment lis-soċjetà. Kellu karriera ta' pożizzjoni li ħaddiem tipiku jkun kburi biha. Il-ħiliet tiegħu kienu marbuta speċifikament ma' qasam speċjalizzat li f'pajjiż żgħir bħal Malta mhux faċli biex issib xogħol alternattiv tal-istess natura. Barra minn hekk dawn il-ħiliet mhux faċli jiġu trasferibbli infatti r-rikorrent kien ingaġġa fi programm ta' studju biex isib mistier ġdid.*

*Għalhekk meta r-rikorrenti intlaqat mis-sensja, din kienet ta' tbatija minn ħafna lati inkluż il-fatt li l-karriera tiegħu dehret li spiċċat. Kienet sitwazzjoni simili għal dik ta' futboller professjonist li meta wasal fl-aqwa tiegħu isofri inċident fil-grawnd li jżommu milli jibqa' jilgħab.*

*Is-soċjetà targumenta li l-appellant kellu l-opportunità tal-garanzija tax-xogħol mingħand il-Gvern liema garanzija toffri l-istess dħul għal dak li kellu meta kien impjegat mas-soċjetà. Ref. sottomissjonijiet tas-soċjetà para 167.*

*Dan it-Tribunal diġà spjega li tul in-negozjati s-soċjetà kellha d-dritt kollu ma tiddiskutix din il-garanzija tax-xogħol għaliex l-istess soċjetà ma kinitx parti minn dan l-arranġament. Tenut kont tal-fatt, is-soċjetà m'għandha ebda mertu għal din il-garanzija u għaldaqstant ma tistax tuża b'suċċess dan il-fatt biex tagħmel każ għall-pożizzjoni tagħha. Madanakollu, it-Tribunal xorta ħares lejn din l-opportunità fl-evalwazzjoni tiegħu tal-impenn tal-appellant biex isib xogħol alternattiv u anki biex inaqqas it-telf finanzjarju.*

*Primarjament din il-garanzija kienet tiggarantixxi kuntratt ta' impjieg għal żmien definit sa Diċembru 2022 mal-Gvern ta' Malta bi dħul komparabbli mas-salarju li l-appellant kellu mas-soċjetà appellata. Ir-rikorrent kien mitlub jagħti s-CV tiegħu lil Resource Support and Services Ltd erba' xhur wara li kien issensjat, ingħata draft ta' kuntratt ta' impjieg f'Novembru 2020 filwaqt li kien ukoll infurmat li kellu jirraporta fil-Lands Department. Ref folio 301-302 u 457. L-appellant talab xi kjarifiki u anki r-rwol li se jingħata fil-Lands Department, liema tagħrif baqa' ma ngħatax. Ref folio 714 para 66.*

*Id-dħul finanzjarju huwa wieħed importanti iżda mhux għal kulħadd l-aktar importanti u fil-każ tal-apellant, il-karriera u l-opportunità li jkompli jtejjeb il-kompetenzi tiegħu fil-professjoni kienu iżjed importanti. Għalhekk it-Tribunal ħares lejn l-ittri mill-RSSL u anki d-*draft Fixed Term Contract *datat 13 ta' Novembru, 2020 Ref folio 457. F'dan il-kuntratt ta' xogħol ma jinstab l-ebda indikazzjoni ta' x'se tkun ir-rwol tal-appellant:*

> The employee hereby accepts and acknowledges that s/he could, throughout the term of this agreement and at the sole and exclusive discretion of the employer, be deployed to a Government owned entity and/or to a private partnership and/or to a private entity to perform duties at that same entity. Ref. folio 457

*L-emejl tal-RSSL datata 6 ta' Novembru, 2020 lir-rikorrenti tinformah li d-*deployment *inizjali tiegħu se jkun il-Lands Department.*

*It-Tribunal hawn jistaqsi; kif l-impjegat se jkun jaf jekk iħossux kompetenti biex jagħmel ix-xogħol il-ġdid li se jkun mitlub jagħmel jekk anqas jaf x'inhu x-xogħol li se jkun inkarigat minnu? Il-ħaddiem għandu d-dritt ikun jaf liema xogħol se jagħmel biex ikollu l-libertà li jaċċetta jew le, l-impjieg.*

*Selwyn Law of Emploment 21st Edition para 18.31*

> An employee does not act unreasonably in refusing to accept alternative employment if he feels he cannot achieve a satisfactory standard in the new post.

*Li xi ħadd jaħseb li ħaddiem li jintlaqat mis-sensja jista' jintalab jiffirma kuntratt ta' xogħol mingħajr indikazzjoni tax-xogħol li se jkun qed jagħmel, huwa ħsieb żbaljat. Il-kuntratt tax-xogħol huwa l-*Magna Carta *tal-ħaddiema. L-impjegat għandu jkun f'pożizzjoni li jiftaħar bih il-kuntratt tax-xogħol għaliex dan id-dokument huwa marbut direttament mal-ħiliet u l-ħidma tal-istess persuna u allura jiddefinixxi b'mod wiesgħa l-personalità tal-ħaddiem partikolari. Dan kien nieqes mill-kuntratt ippreżentat fl-atti*

*Ref folio 457 u għalhekk it-Tribunal jifhem u jaċċetta għaliex dan il-kuntratt ma kienx għażla plawsibbli għall-appellant.*

*It-Tribunal ma waqafx hawn imma ħares lejn l-impenn tal-appellant biex isib xogħol alternattiv u mill-atti jidher li xtaq ikun wieħed mill-bdoti sħabu li bħalhom jingħażel biex jaħdem ma' Med Air imma ma ntgħażilx. Ipprova wkoll jaħdem mal-Malta Transport fejn bdoti oħra kollegi kienu ingaġġati imma r-rikorrenti għal darb'oħra ma kienx magħżul. Ref folio 714 para 68.*

*Minkejja dan l-appellant kien bagħat diversi applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u żamm kuntatt kontinwu mal-JobsPlus għal xi opportunità valida għalih imma bla suċċess. F'dan il-perijodu l-appellant anke beda kors ta' studju biex iwessa l-opportunitajiet għalih. Ref folio MDG 37-38.*

*Finalment l-appellant sab xogħol ta' bdot mal-WIZZ AIR li għalkemm ma kienx joffri l-istess kundizzjonijiet vantaġġużi li kellu mas-soċjetà appellata kien jirrispekkja l-professjoni ta' bdot u l-ħiliet li għalihom kien imħarreġ. L-appellant ħa din l-opportunità li waslet f'Settembru tal-2021. Ref folio 905. It-Tribunal jemmen li kieku din l-opportunità ġiet qabel kien jeħodha qabel ukoll.*

*Il-ftuħ tal-applikazzjonijiet għal bdoti, mis-soċjetà appellata, sena u nofs wara li ngħataw is-sensji ġiet tard wisq biex ħaddiem professjonali li sadanittant integra ruħhu ma' kumpannija oħra, jikkonsidrahom.*

*Fiċ-ċirkostanzi, ir-rikorrenti għamel dak li ħaddiem għaqli u li jħares l-iżvilupp tal-karriera tiegħu kien jagħmel."*

## **L-Appell**

13. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-6 ta' Marzu, 2024, is-soċjetà appellata talbet lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata, fis-sens li tilqa' l-ewwel aggravju tagħha u ssib li l-appellat tkeċċa mill-impjieg skont il-liġi, u għalhekk m'għandu jingħata l-ebda kumpens, u mingħajr preġudizzju għal dan, talbet li f'każ li l-ewwel aggravju jiġi miċħud, din il-Qorti tvarja d-deċiżjoni appellata, fis-sens li tgħaddi biex tnaqqas l-ammont likwidat mit-Tribunal u tillikwida kumpens skont l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, jew, f'każ li l-kumpens ma jistax jiġi

varjat, tibgħat l-atti lura lit-Tribunal għar-reviżjoni tal-ammont likwidat, u dan fid-dawl ta' kull provvediment ieħor li tista' tagħti din il-Qorti.

14. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex: (i) is-sejba ta' tkeċċija inġusta mit-Tribunal hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet żbaljati, peress li ma jaqgħux fil-parametri tal-liġi, u anki jekk huwa minnu li kien hemm ksur tar-Regolamenti mis-soċjetà appellanta, l-allegat ksur seta' seħħ biss fil-konfront tar-rappreżentanti tal-impjegati u mhux fil-konfront tal-impjegati individwali; (ii) il-motivazzjoni dwar il-mod kif it-Tribunal wasal għall-kumpens, hija nieqsa mir-*ratio* li wieħed jistenna li jkun hemm biex jintwera kif it-Tribunal wasal għall-ammont, jew tal-anqas għall-ispjegazzjoni tal-korrelazzjoni mal-parametri dwar kumpens kif indikati fl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kien jokkupa l-kariga ta' Kaptan, liema kariga huwa kien ilu jokkupaha b'mod permanenti mit-3 ta' Diċembru, 2018. Qalet li l-operat tal-kumpannija tħarbat meta f'Malta bdew jitfaċċaw l-ewwel każijiet tal-COVID-19, partikolarment wara li ttieħdu l-miżuri mill-awtoritajiet li waqqfu għal kollox it-titjiriet internazzjonali. Qalet li l-effetti tal-COVID-19 fuq l-operat tagħha bdew jinħassu mill-bidu tal-2020, u meta l-pandemija bdiet tinxtered fuq livell internazzjonali, bdew deħlin miżuri mitiganti fil-pajjiżi, fl-istess waqt li hija kellha tħabbar miżuri sabiex tara kif setgħet tibqa' topera f'dan il-perijodu ta' inċertezza. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kellha tnaqqas l-operat tagħha in ottemperanza mal-liġijiet applikabbli. Spjegat li d-diskussjonijiet mal-impjegati, xi drabi permezz l-*unions* tagħhom, segwew it-tħabbir li kien ser ikun hemm tnaqqis fl-operat. Qalet li min-naħa tal-

kumpannija, il-punt tat-tluq kien li tipproponi lill-impjegati tagħha miżuri dwar kif setgħet iżżomm numru minimu ta' titjiriet għaddejjin, u dan sakemm jittaffew l-effetti tal-pandemija, filwaqt li kemm jista' jkun iżżomm lill-impjegati kollha. Is-soċjetà appellanta qalet li din kienet sitwazzjoni bla preċedent għaliha, u qabel ma ġie introdott il-vaċċin, kien hemm diversi drabi fejn kellhom jingħalqu l-fruntieri bejn il-pajjiżi. Is-soċjetà appellanta qalet li dan ħalla effett devastanti fuqha, kemm mil-lat operazzjonali kif ukoll mil-lat finanzjarju. Qalet li kien hemm numru ta' impjegati li ma kellhom xogħol xejn, imma kienu għadhom qegħdin jirċievu l-pagi tagħhom, u kien għalhekk li hija pproponiet miżuri sabiex dawn l-istess ħaddiema jieħdu paga bażika għall-itwal żmien possibbli, u sabiex fil-mument fejn ma jkunx hemm aktar *leave* x'jieħdu l-impjegati, jitnaqqsu s-sigħat tax-xogħol, u bl-approvazzjoni tad-*Department For Industrial and Employment Relations* (id-DIER), il-ħaddiema jieħdu paga minima li tkopri ammont ta' sigħat, u fejn l-istess impjegati jaħdmu ammont akbar ta' sigħat, dawn jitħallsu għal dawk is-sigħat. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li dawn il-miżuri ġew ikkomunikati lill-ħaddiema tagħha, hija m'għalqitx il-bieb għan-negozjati, u dan filwaqt ippruvat tagħmel offerta vantaġġuża mill-ewwel biex ma jkunx hemm ħela ta' ħin f'negozjati. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn il-miżuri ġew ikkomunikati lejn l-aħħar ta' Marzu, fi stadju qabel ma tħabbru s-sensji kollettivi, u dan juri li l-ħsieb tagħha kien li żżomm lill-ħaddiema kollha magħha. Qalet li l-opeart tagħha ġie stultifikat minħabba l-pandemija, u t-tnaqqis fl-operat kien riżultat ta' fatturi esterni li hija ma kellha l-ebda kontroll fuqhom, u lanqas ma kienu riżultat ta' xi deċiżjoni li ttieħdet minnha. Kompliet tgħid li hija kellha tirriorganizza l-operat tagħha, u tfassal pjan sabiex tara kif ser tkompli tmexxi l-operat tagħha.

16. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li t-tnaqqis fl-operat tagħha rriżulta f'għadd żejjed ta' membri tal-ekwipaġġ fuq il-kotba tagħha, għaliex hija filli kienet qiegħda topera numru ta' rotot b'għaxar ajruplani, u filli sabet ruħha topera b'massimu ta' żewġ ajruplani. Kompliet tgħid li għalhekk hija sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn min-naħa l-waħda kellha tipprova ssalva l-operat tagħha, u min-naħa l-oħra ppruvat issalva kemm jista' jkun impijegi, anke bil-ħsieb li wara li tgħaddi l-pandemija hija tkun tista' tkompli bl-operat tagħha. Qalet li waqt li rnexxielha tasal ma' numru ta' *unions*, ma kienx hemm qbil mal-*Airline Pilots Association Malta* (ALPA), minkejja numru ta' laqgħat li saru. Qalet li fis-7 ta' April, 2020 hija kienet kostretta tibgħat notifika lid-DIER u lil ALPA dwar l-intenzjoni tagħha li tagħmel sensji kollettivi, u din kellha sservi bħala l-bażi tal-konsultazzjonijiet li kellhom isiru. Is-soċjetà appellanta qalet li din in-notifika kopriet l-informazzjoni kollha li r-Regolamenti jitolbu li tingħata, u kienet maħsuba biex tagħti spjegazzjoni dettaljata dwar kif kienu ser jingħataw is-sensji kollettivi. Qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' 68 bdot kienet effettiva mit-8 ta' Ġunju, 2020, wara li kien hemm perijodu ta' sittin ġurnata ta' konsultazzjonijiet. Qalet ukoll li l-appellat kien kopert bil-garanzija li kien ta l-Gvern, li kienet ġiet miftiehma bejn il-Ministru tat-Turiżmu u ALPA fis-26 ta' Jannar, 2018, u li permezz tagħha l-Gvern kien iggarantixxa xogħol f'Malta u *take home pay* skont il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv li kellhom il-bdoti fl-impjieg magħha. Qalet li minkejja li kien hemm din il-garanzija, l-intenzjoni tagħha kienet li żżomm il-bdoti kollha fl-impjieg, kif għamlet mal-membri tal-ekwipaġġ, u dan għall-eventwalità li s-suq jirkupra u l-operat tagħha jirpilja. Qalet li kien in-nuqqas ta' qbil ma' ALPA li wassal għas-sensji. Qalet li l-kriterji li ntużaw biex ingħataw is-sensja numru ta' bdoti, kienu spjegati fil-

komunika tal-kumpannija tas-7 ta' April, 2020, kif ukoll waqt il-laqgħat bejnha u ALPA. Is-soċjetà appellata qalet li tul il-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, saret enfasi fuq il-lista li kienet turi min kien ser jinżamm fl-impjieg u min kellu jiġi tterminat, u skont l-appellat din kellha sservi bħala l-bażi tad-diskussjonijiet. Qalet li filwaqt li l-appellat enfasizza l-punt li l-kumpannija m'għadditilhomx din il-lista, u pprova jdaħħal dubji dwar jekk kinux inżammu 62 pilota, mill-provi jirriżulta li hija ħaddmet il-prinċipju ta' *last in first out* meta ddeċidiet dwar min għandu jingħata s-sensja. Qalet li ALPA kienet infurmata sew bis-*seniority* tal-bdoti kollha, tant hu hekk li kienet hija stess li għaddiet is-*seniority list* lil-linja tal-ajru. Qalet li kienu nżammu fl-impjieg aktar piloti milli kienet teħtieġ il-kumpannija. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-aggravju sollevat mill-appellat kien aktar aggravju li seta' jsir minn ALPA bħala r-rappreżentanta tal-impjegati, milli mil-appellat innifsu. Is-soċjetà appellanta qalet li jekk hija segwietx il-proċedura jew le, m'għandux jimpinġi fuq il-legalità tas-sensji nfushom, u mhuwiex minnu li hija ma segwietx l-obbligi tagħha naxxenti mil-liġijiet li jirregolaw is-sensji kollettivi, inkluż dawk li għandhom x'jaqsmu mal-obbligu tal-konsultazzjoni.

17. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kienet ġustifikata tħabbar is-sensji minħabba tnaqqis fl-operat tagħha, għaliex kellha aktar impjegati milli kellha bżonn. Qalet li hija segwiet l-obbligi tagħha u d-drittijiet tal-bdoti meta ħabbret l-intenzjoni li jsiru s-sensji u tat l-informazzjoni kollha li kienet meħtieġa, għamlet laqgħat u anki għamlet kontro-proposti meta saru xi proposti minn ALPA, iddiskutiet u kkonsultat mal-Kumitat Eżekuttiv ta' ALPA bl-intenzjoni li jinżammu fl-impjieg il-bdoti kollha, tant hu hekk li anki naqqset in-numru ta' bdoti li oriġinarjament kellha ħsieb li titterminalhom l-impjieg, u wriet li kienet

qiegħda tipprova żżomm il-bdoti fl-impjieg billi saħansitra kompliet bid-diskussjonijiet wara li s-sensji saru effettivi. Qalet li hija għandha l-oneru li tipprova li kellha raġuni ġenwina għaliex tagħti s-sensi, u li tul il-proċess kollu hija aġixxiet b'mod ġust u raġonevoli, u b'mod li mhux diskriminatorju mal-impjegati.

18. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, għaliex ir-raġuni għalfejn l-appellat ġie tterminat, kienet riżultat dirett ta' tnaqqis fix-xogħol tal-kumpannija, sal-punt li kellhom isiru għadd sostanzjali ta' sensji fil-grad tal-bdoti, liema pożizzjonijiet ma kinux meħtieġa li jimtlew għal iżjed minn tnax-il xahar wara. Qalet li sejba ta' ksur tar-Regolamenti ma tistax tammonta għal tkeċċija inġusta ta' impjegat, u għalhekk it-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet magħmula, kif ukoll għamel applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll minħabba n-nuqqas ta' motivazzjoni tat-Tribunal sabiex wasal għall-għoti tal-kumpens.

19. Is-soċjetà appellanta fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra punt ta' dritt kruċjali. Qalet li l-allegazzjoni prinċipali tal-appellat hija li kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet u l-obbligi min-naħa tagħha fir-rigward tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjieg) (L.S. 452.80), u r-Regolamenti dwar id-Dritt għal Informazzjoni u Konsultazzjoni tal-Impjegati (L.S. 452.96) fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet li ppreċedew is-sensji mogħtija minnha. Qalet li wieħed jista' jargumenta li kien naturali għall-appellat li jqajjem dawn l-argumenti għaliex, apparti li kien impjegat bħala kaptan magħha, huwa kien ukoll jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv ta' ALPA, u

m'għamilx distinzjoni bejn id-dritt tiegħu li jirrappreżenta lill-impjegati u dak li huwa dritt tiegħu bħala impjegat.

20. Is-soċjetà appellanta qalet li kien jinkombi fuq it-Tribunal li jagħti interpretazzjoni korreta tal-liġi, u dan kien skorrett meta ddeċieda li ladarba kien hemm ksur tar-Regolamenti da parti tagħha, mela t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda inġusta. Qalet li t-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk it-tkeċċija kinitx inġusta fil-parametri tat-tifsira tat-terminu fil-kuntest ta' *redundancy,* u mhux abbażi ta' ksur tar-Regolamenti. Kompliet tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra wkoll li r-Regolamenti ma jagħtu ebda setgħa diretta jew dritt lill-impjegat innifsu, iżda biss lir-rappreżentanti tal-impjegati. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-kuntest ta' *redundancy,* it-Tribunal seta' biss jikkonkludi li t-tkeċċija kienet waħda inġusta jekk kienet motivata minn raġunijiet oħra u mhux biss minn *redundancy,* jew jekk it-temm tal-impjieg kien diskriminatorju. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern, kien hemm qbil li r-raġuni li wasslet għas-sensja tal-impjegat kienet waħda ġenwina. Qalet ukoll li l-appellat ikkonferma li huwa ma kienx qiegħed jallega diskriminazzjoni, minkejja li mad-daqqa t'għajn kien hemm allegazzjoni f'dan is-sens fir-rikors tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li f'każ li kien hemm allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, it-Tribunal lanqas biss seta' jieħu konjizzjoni tagħha, abbażi tal-artikolu 73(4) tal-Kap. 452. Qalet li t-Tribunal kif kompost, ma kellux kompetenza jieħu konjizzjoni tal-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni, u t-Tribunal għażel triq oħra, ċjoé abbażi tal-allegazzjoni tal-appellat li huwa ma kellux ikun inkluż fil-lista tal-persuni li ngħataw is-sensja.

21. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu jieqaf hawnhekk, u jiddeċiedi li ma jeżistux ir-rekwiżiti għas-sejba ta' tkeċċija inġusta, peress li r-raġuni kienet

waħda ġenwina, iżda minflok ma żamm mal-konfini ta' tkeċċija inġusta, it-Tribunal mar pass oltre u daħal fil-proċess tal-konsultazzjonijiet u tal-informazzjoni kif preskritt mir-Regolamenti. Is-soċjetà appellanta qalet li l-qafas tad-deċiżjoni tat-Tribunal tistrieħ fuq in-nuqqas tas-soċjetà appellanta li tipprovdi lil ALPA qabel ma saru s-sensji, lista tal-impjegati b'indikazzjoni ta' min kien ser jiġi tterminat, u ta raġun lill-appellat li ilmenta li kellu żvantaġġ biex jidħol f'diskussjonijiet mal-kumpannija. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal żvija meta ħa d-deċiżjoni li jispekula dwar ir-raġonevolezza o meno tal-kumpannija meta m'għaddietx il-lista lill-appellat. Qalet li fil-każ odjern ġie deċiż li d-deċiżjoni għat-terminazzjoni kienet waħda ġenwina. Qalet li meta tiġi allegata diskriminazzjoni, it-Tribunal għandu jeżamina bir-reqqa kif ikunu ntgħażlu l-impjegati. Qalet li min-naħa tagħha hija kienet tat l-informazzjoni kollha rikjesta mil-liġi lir-rappreżentanti tal-impjegati, u l-liġi hija ċara li dan huwa dritt sagrosant tar-rappreżentant tal-impjegati u mhux tal-impjegat innifsu. Qalet li r-regolament jgħid ukoll b'mod eżawrjenti, x'informazzjoni trid tingħata lir-rappreżentanti tal-ħaddiema.

22. Is-soċjetà appellanta qalet li l-liġi ma tikkontemplax id-dritt tal-impjegat li jingħata informazzjoni biex ikun jista' jagħmel proposti sabiex isalva l-impjieg tiegħu, kif jagħti l-impressjoni t-Tribunal, għaliex dan huwa dritt riservat għar-rappreżentanti tal-impjegati. Qalet li jekk l-impjegat iħossu aggravat, dan għandu dritt jipproċedi b'azzjoni dwar tkeċċija inġusta abbażi tar-raġunijiet mogħtija mil-liġi, iżda dan għandu l-ewwel jiġi tterminat, u mhux jingħata l-informazzjoni minn qabel, kif ikkonkluda t-Tribunal. Kompliet tgħid li għalhekk id-dritt tal-individwu isir inforzabbli wara li jidħlu fis-seħħ is-sensji kollettivi, limitatament fil-kuntest tat-tifsira mogħtija mil-liġi tagħna ta' tkeċċija inġusta, u

ċertament mhux filwaqt li jkunu għaddejjin konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu 37(1) tal-Kap. 452 jistipula kif għandu jimxi l-prinċipal fil-każ ta' sensji kollettivi, jiġifieri li l-ebda impjieg m'għandu jiġi tterminat qabel ikun hemm notifika bil-miktub lir-rappreżentanti tal-impjegati, u jkun hemm opportunità għall-konsultazzjoni. Kompliet tispjega li għalhekk f'każ ta' ksur, hija ALPA li kellha dritt tilmenta u mhux l-impjegat, u l-fatt li l-liġi stess tittimbra dan bħala 'reat', ifisser li l-proċeduri huma ta' natura penali u ma jaqgħux fil-kamp ċivili. Qalet li anki f'każ ta' danni ċivili kkaġunati minħabba ksur tar-Regolamenti, hija ALPA li kellha dritt tmexxi bil-kawża, iżda ALPA ma setgħetx tilmenta dwar ksur ta' dritt ibbażat fuq tkeċċija inġusta, daqs kemm l-impjegat innifsu ma setax jilmenta minn ksur tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-impjegati *ai termini* tar-Regolamenti. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li tul id-diskussjonijiet kollha li saru, dejjem kienet ALPA li aġixxiet f'isem il-bdoti kollha, u filwaqt li l-appellat kien jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv ta' ALPA dak iż-żmien, f'dawn il-proċeduri deher bħala impjegat tal-kumpannija. Qalet li f'każ li l-appellat ħassu aggravat bl-għażla tiegħu bħala wieħed mill-impjegati li ġew issensjati, seta' jargumenta li jew kien hemm raġuni oħra għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, jew li t-tkeċċija tiegħu kienet diskriminatorja, imma huwa m'għamel xejn minn dan. Qalet li l-appellat ma setax jistrieħ fuq il-fehma tiegħu li kien hemm ksur tar-Regolamenti, meta ma kienx hemm rimedju personali għalih f'dawk ir-Regolamenti, u hija biss penali li tirriżulta f'każ ta' ħtija ta' reati li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal, iżda huma espressament esklużi *ai termini* tal-artikolu 75 tal-Kap. 452. Qalet ukoll li mhuwiex minnu li hija b'xi mod naqset milli tosserva l-obbligi

proċedurali imposti fuqha, u fi kwalunkwe każ, deċiżjoni dwar jekk tkeċċija hijiex ġusta jew le, ma tistax tistrieħ fuq dak li jipprovdu r-Regolamenti.

23. Is-soċjetà appellanta qalet li kien għalhekk li qabel inbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal, hija talbet li jiġu stradati numru ta' punti, partikolarment dwar jekk l-appellat kienx qed jallega li saret xi diskriminazzjoni miegħu, għaliex jekk dan kien il-każ, l-appellat kellu jġib provi f'dan ir-rigward; il-punt dwar l-irrilevanza ta' kwalunkwe allegazzjoni ta' ksur ta' obbligi naxxenti mir-Regolamenti, għaliex dawn qatt ma setgħu jwasslu għal sejbien ta' tkeċċija inġusta; l-punt li lanqas it-Tribunal m'għandu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar lanjanzi li jsiru abbażi ta' dawk ir-regolamenti; u l-punt li l-oneru tagħha f'dawn il-proċeduri huwa li tipprova li r-*redundancy* li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, kinitx waħda ġenwina jew le. Is-soċjetà appellanta qalet li minflok indirizza dawn il-punti tant kruċjali għall-vertenza li kellu quddiemu, it-Tribunal straħ fuq numru ta' provi sabiex laqa' t-talbiet tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li l-aggravju tagħha huwa li l-artikolu 37(3) tal-Kap. 452 li jirregola s-sensji kollettivi, jikklassifika ksur bħala 'reat' b'piena kriminali; ir-Regolamenti 452.80 u 452.96 it-tnejn jikklassifikaw ksur bħala reat taħt ir-Regolament 11; u l-artikolu 75(1) tal-Kap. 452 jeskludi l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal fi proċeduri dwar reati, u anki f'każ li jinstab li kien hemm reat, ma jfissirx li t-tkeċċija hija waħda inġusta, għaliex din xorta waħda trid taqa' fil-konfini tad-definizzjoni.

24. Is-soċjetà appellanta qalet li jekk din il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni li qiegħda tieħu hi bl-ewwel aggravju tagħha, din il-Qorti hija mitluba tikkunsidra t-tieni aggravju, u tvarja s-sentenza, fis-sens li tnaqqas il-kumpens, għal somma

li tkun inqas minn dik stabbilita mit-Tribunal. Qalet li l-appellat talab għal-likwidazzjoni u għall-eventwali ħlas ta' kumpens li għandu jitħallas lilu *ai termini* tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, wara li kien irrinunzja għat-talba li jerġa' jiġi impjegat. Qalet li l-liġi tirregola l-mod kif għandu jiġi likwidat il-kumpens dovut. Qalet li l-indikaturi msemmija fl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 mhumiex eżawrjenti, u l-liġi ma timponi l-ebda limitu, filwaqt li t-Tribunal għandu diskrezzjoni jillikwida l-ammont li għandu jingħata bħala kumpens. Qalet li però skont il-liġi l-ammont ta' kumpens għandu jkun ibbażat fuq il-konsiderazzjonijiet li jwasslu lit-Tribunal jikkonkludi favur min qiegħed jilmenta, u t-Tribunal għandu jagħti spjegazzjoni xierqa dwar kif it-Tribunal wasal għall-ammont ta' kumpens, peress li dan għandu jirrifletti konsiderazzjonijiet li jirriżultaw f'danni reali jew futuri. B'riferiment għall-parti tad-deċiżjoni appellati li tgħid li l-ispejjeż tal-proċeduri huma a karigu tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li d-dritt joħroġ mil-liġi, u huwa wieħed fiss fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u għalhekk mhux ċar għal liema spejjeż it-Tribunal qiegħed jirreferi. Qalet ukoll, b'riferiment għall-ammont likwidat mit-Tribunal, li l-appellat ma ppreżentax prospett ċar tad-danni, u t-Tribunal naqas milli jispjega kif wasal għal ammont ekwivalenti għal sena paga bir-rata tas-salarju kurrenti li għandu l-appellat. Qalet li t-Tribunal kellu jikkunsidra li l-appellat kellu offerta ta' impjieg mal-Gvern bl-istess *take home pay* li kellu magħha, u għalhekk dan ma kien ser isofri l-ebda dannu. Qalet ukoll li l-appellat kellu l-obbligu legali li jimmitiga t-telf kemm jista' jkun, u huwa seta' jxejjen it-telf kompletament, imma t-Tribunal qies li l-karriera u l-avvanz fil-karriera tal-appellat kienu importanti aktar mill-garanzija tas-salarju.

25. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kien bdot bil-grad ta' kaptan, u ż-żmien li fih ingħataw is-sensji, inzerta meta ma kienx hemm il-ħtieġa ta' bdoti

fis-suq, għaliex l-ivvjaġġar internazzjonali kien wieqaf kważi għal kollox. Qalet li filwaqt li huwa minnu li wieħed jistenna li impjegat jitpoġġa f'xogħol li huwa verament kapaċi jagħmel, dawn ma kinux ċirkostanzi normali, u għalhekk l-aġir tal-appellat ma jistax jitqies li kien wieħed responsabbli. Is-soċjetà appellanta qalet li wara li l-appellat ġie ssensjat, huwa kien qiegħed jirċievi xi flus minn ALPA, madwar €1,200, u dan l-ammont ma jidhirx li ġie kkunsidrat mit-Tribunal, minkejja li l-appellat ipprova jagħti l-impressjoni li huwa spiċċa mingħajr ebda introjtu. Qalet li l-aktar punt kruċjali fil-każ odjern kien li l-appellat ingħata garanzija ta' impjieg alternattiv bl-istess *take home pay,* u kien huwa li ma riedx jaċċetta din l-offerta ta' xogħol li saritlu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

26. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u korretta fil-mertu, għajr għall-parti tad-deċiżjoni li tirrigwarda l-kalkolu u l-likwidazzjoni tal-kumpens in kwistjoni. Qal li d-deċiżjoni appellata hija korretta u ġusta għaliex hija bbażata fuq il-provi u l-prinċipji legali relattivi, u għalhekk ir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud.

27. L-appellat qal li minkejja l-parametri stretti abbinati mad-dritt ta' appell fuq punt ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikors tal-appell huwa miżgħud b'allegazzjonijiet dwar iċ-ċirkostanzi li taw lok għal din il-kwistjoni ta' xogħol u għas-sensji kollettivi in kwistjoni, inkluż allegazzjonijiet dwar fatti u ċirkostanzi li ġew imxejna minnu u mit-Tribunal. Kompla jgħid li huwa veru li Qorti ta' reviżjoni għandha kemm is-setgħa kif ukoll l-obbligu li tanalizza l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ, iżda f'każijiet bħal dawn trid

issir distinzjoni bejn argumenti intiżi sabiex jixprunaw mill-ġdid apprezzament tal-fatti bl-għan li terġa' tiġi kkunsidrata d-deċiżjoni fil-mertu, u l-ħtieġa vera u proprja li ssir analiżi tal-fatti bl-għan li jiġi determinat il-punt ta' liġi in kwistjoni. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta għamlet diversi allegazzjonijiet u semmiet diversi fatti, dwar il-ħtieġa li tnaqqas l-operat tagħha wara li faqqgħet il-pandemija, u kien għalhekk li t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jagħmel distinzjoni bejn il-ġenwinità tal-proposta għat-terminazzjoni tal-impjiegi minn mas-soċjetà minħabba raġuni ta' *redundancy,* u s-sitwazzjoni partikolari tal-appellat, dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kinitx waħda ġusta. Qal li uħud mill-argumenti mqajma mis-soċjetà appellanta huma maħsuba biex jinħloq pretest għall-analiżi mill-ġdid ta' ċirkostanzi formanti l-proċess ta' konsultazzjoni.

28. Qal li l-argumenti mqajma mis-soċjetà appellanta jissarrfu fl-esklużjoni ta' kwalunkwe stħarriġ dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kinitx waħda ġusta jew le f'għajnejn il-liġi, u żied jgħid li mis-sottomissjonijiet tal-kumpannija tirriżulta interpretazzjoni selettiva u unidimensjonali tal-pretensjoni tiegħu, u dan bil-għan li titwarrab l-attenzjoni minn fuq il-qofol tal-ilment tiegħu, ċjoé li huwa ġie eskluż mil-lista ta' bdoti li nżammu fl-impjieg wara li ġew effettivi s-sensji kollettivi, minħabba kalkolu żbaljat tal-kumpannija. Qal li l-kumpannija taf li f'dan l-istadju hija prekluża milli tressaq appell dwar apprezzament tal-fatti relattivi għall-informazzjoni kkomunikata minnha stess waqt il-perijodu ta' konsultazzjoni in konnessjoni maż-żamma ta' 62 pilota *full-time equivalent.* Qal ukoll li kontestazzjoni ta' dan it-tip ma tikkwalifikax bħala dritt ta' appell fuq punt ta' liġi.

29. L-appellat qal li l-akkoljiment tal-ilment tiegħu ma kienx ibbażat biss fuq il-fatt li l-appellanta ma ottemperatx ruħha mal-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi), imma kien ibbażat ukoll fuq l-effett li dan in-nuqqas kellu fuq l-appellat innifsu. L-appellat qal li t-Tribunal irrikonoxxa li l-lista ta' impjiegi tad-9 ta' Lulju, 2020, li kienet disponibbli biss wara li għalaq il-perijodu ta' konsultazzjoni, kien fiha informazzjoni materjali għas-sitwazzjoni u għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellat, u għaż-żamma tiegħu fl-impjieg. L-appellat qal ukoll li l-argument tas-soċjetà appellanta li t-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk it-tkeċċija kinitx ġusta jew le fil-parametri tat-tifsira tat-terminu fil-kuntest ta' *redundancy,* u mhux abbażi ta' ksur tar-Regolamenti, ma jirrispekkjax il-kuntest u ċ-ċirkostanzi legali u fattwali li taw lok għas-sensji kollettivi in kwistjoni. L-appellat qal ukoll li sensji kollettivi u d-drittijiet u l-obbligi konnessi magħhom, għandhom jiġu mistħarrġa mhux biss fid-dawl tat-tifsira tal-artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, imma anki fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mill-artikolu 37(1) tal-istess Kap., mir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi) (L.S. 452.80), u mir-Regolamenti dwar Dritt għal Informazzjoni u Konsultazzjoni mal-Impjegati (L.S. 452.96). Qal li huwa għalhekk li ssir distinzjoni bejn '*unfair dismissal*' u '*wrongful dismissal*'.

30. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta injorat għal kollox id-dritt tiegħu li jikkontesta l-klassifikazzjoni tiegħu fil-lista tal-impjegati li jkunu ġew issensjati; il-kriterji li ġew applikati in konnessjoni mal-istess; il-mod li bih dawn il-kriterji ġew applikati mill-prinċipal; u l-effetti naxxenti mill-applikazzjoni tal-istess kriterji. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta tikkontendi li huwa m'għandu l-ebda dritt jikkontesta l-klassifikazzjoni tiegħu, u għalhekk it-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg, ladarba ma ġiex ippruvat li huwa kien suġġett għal aġir

diskriminatorju, u dan minkejja li mill-provi jirriżultaw dubji serji u inkonsistenzi in konnessjoni mal-informazzjoni li ġiet ippreżentata lir-rappreżentanti tal-impjegati, u għalhekk lilu stess. Qal li din il-loġika tmur kontra l-prinċipju tal-*last in, first out,* u l-argument tal-kumpannija jissarraf fl-impossibilità li t-Tribunal jiddeċiedi li kien hemm ksur tal-obbligi emerġenti mis-subartikolu 36(4) tal-Kap. 452 fin-nuqqas ta' sejbien ta' diskriminazzjoni. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta tikkontendi li ladarba hija kellha raġuni valida fil-liġi biex tagħti sensji kollettivi, dan ifisser li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet ġusta. L-appellat qal li però dan l-argument huwa nieqes minn bażi legali, għaliex is-soċjetà appellanta kienet tenuta li tipprova li d-deċiżjoni li titterminalu l-impjieg kienet waħda 'ġusta' fl-assjem taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż l-informazzjoni li attwalment ġiet ipprovduta lir-rappreżentanti tal-impjegati. Qal li anki jekk ir-raġuni sottostanti s-sensji kollettivi hija waħda 'ġenwina', dan m'għandux ifisser li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet ġusta. Qal ukoll li kull impjegat għandu l-kwalifiki u r-*ranking* partikolari tiegħu għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju *last in, first out,* kif ukoll tal-kontenut tal-klawsola numru 43.4 tal-Ftehim Kollettiv viġenti. L-appellat qal li anke jekk wieħed jifli l-kontenut tat-tifsira ta' 'tkeċċija inġusta' fl-artikolu 2 tal-Kap. 452, fid-dawl tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta, wieħed jista' xorta waħda jinkwadra ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-diċitura użata fis-subartikolu (a) ta' din it-tifsira, u fil-fatt f'dan il-każ minkejja li s-soċjetà appellanta indikat ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu bħala *redundancy,* din ma rnexxilhiex tipprova li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu saret biss minħabba *redundancy.* Qal li fil-fatt it-Tribunal sab li kien hemm nuqqasijiet serji min-naħa tas-soċjetà appellanta in konnessjoni mal-għoti tal-informazzjoni meħtieġa, kif ukoll fl-

applikazzjoni tal-kriterji relattivi entro l-parametri li kienu ġew ikkomunikati lir-rappreżentanti tal-bdoti fir-rigward taż-żamma ta' numru ta' bdoti ekwivalenti għal 62 FTE. Qal li kien għalhekk li t-Tribunal ikkonkluda li r-*redundancy* tiegħu ma kinitx waħda ġusta u ġenwina. Qal ukoll li dan ifisser li r-raġuni vera u proprja għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, ma tistax titqies bħala *redundancy* vera u proprja fit-termini tal-liġi.

31. L-appellat qal li wieħed jista' jsostni wkoll li s-subartikolu (ċ) tal-artikolu 2 tal-Kap. 452 jikkontempla sitwazzjoni fejn għalkemm ir-*redundancy* tiġi indikata bħala r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg, fil-verità din ma tkunx waħda ġusta jew legali għaliex tkun diskriminatorja. Qal li madanakollu dan is-subartikolu bl-ebda mod ma jgħid li huwa biss jekk tirriżulta diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji relattivi, li t-terminazzjoni in kwistjoni ma titqiesx li hija ġusta. Qal ukoll li dan is-subartikolu jagħmilha ċara li *redundancy* ma tistax titqies li saret skont il-liġi jekk hija afflitta minn diskriminazzjoni fl-għażla tal-impjegati ssensjati. L-appellat qal li kienet il-kumpannija appellanta li kellha l-oneru li tipprova li s-sensja tiegħu kienet waħda ġenwina u skont il-liġi, iżda hija ma rnexxilhiex tagħmel dan. L-appellat żied jgħid li minkejja li jista' jkun li r-raġuni għas-sensji kollettivi kienet verament waħda ġenwina, huwa pproċeda bl-azzjoni abbażi tat-terminazzjoni tiegħu, u mhux ukoll tat-terminazzjoni tal-kollegi tiegħu, u għalhekk il-legalità jew il-*fairness* jew le tal-bqija tar-*redundancies,* jaqgħu barra mill-parametri tat-talba li kellu quddiemu t-Tribunal, ċjoé jekk it-tkeċċija tal-appellat kinitx ġusta jew le, u jekk huwa kellux jinżamm fl-impjieg. L-appellat qal ukoll li fi kwalunkwe każ, il-parametri tat-talba ma jippermettux li tingħata deċiżjoni dwar terzi li ma kinux parti fil-proċeduri odjerni.

32. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta donnha qiegħda tallaċċja d-dritt tat-Tribunal li jindaga dwar il-mod kif intgħażlu l-bdoti li ġew issensjati, mal-eżistenza ta' kawżali jew ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Qal li l-loġika tas-soċjetà appellanta hija waħda kontradittorja, hekk kif min-naħa l-waħda tgħid li t-Tribunal kif kompost kien prekluż milli jieħu konjizzjoni ta' ilmenti bbażati fuq diskriminazzjoni, u min-naħa l-oħra targumenta wkoll li t-Tribunal kif kompost kellu jiddeżisti milli jagħmel kwalunkwe stħarriġ in konnessjoni mal-proċess ta' konsultazzjonijiet u l-informazzjoni kif preskritti mir-Regolamenti, għaliex ma ġietx ikkonstatata diskriminazzjoni. Qal li għalhekk wieħed mill-argumenti tas-soċjetà appellanta jidher li huwa li t-Tribunal ma setax jivverifika jekk f'dan il-każ kienx hemm xi forma ta' diskriminazzjoni *ai termini* tal-artikolu 73(4) tal-Kap. 452. L-appellat qal ukoll li huwa ma bbażax il-premessi u t-talbiet tiegħu fuq l-allegazzjoni li saret diskriminazzjoni miegħu. Qal ukoll li lanqas l-argument li l-obbligu tal-prinċipal li jagħti l-informazzjoni meħtieġa qabel jibdew il-konsultazzjonijiet, huwa d-dritt sakrosant tar-rappreżentanti tal-impjegati u mhux tal-impjegat innifsu, m'huwa argument li jinkwadra fil-fattispeċie ta' dan il-każ. Dan għaliex filwaqt li waqt il-perijodu ta' konsultazzjoni huwa kien jokkupa l-kariga ta' Viċi President ta' ALPA, u għalhekk kien ukoll wieħed mir-rappreżentanti tal-bdoti li pparteċipaw fid-diskussjonijiet li saru mal-kumpannija, imma huwa kien qiegħed jagħmel dan mhux biss bil-għan li jsalva l-impjiegi tal-kollegi tiegħu, iżda anki biex isalva l-impjieg tiegħu stess. Qal li għalhekk jista' jingħad li huwa kien qiegħed jipparteċipa f'dawn id-diskussjonijiet bħala rappreżentant tiegħu nnifsu. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta lanqas m'hija korretta meta ssostni li impjegat li jallega tkeċċija inġusta għandu l-ewwel jiġi tterminat u wara jingħata l-informazzjoni, għaliex

dan imur kontra l-obbligi naxxenti mir-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi) (L.S. 452.80 u tar-Regolamenti dwar Dritt għal Informazzjoni u Konsultazzjoni mal-Impjegati (L.A. 452.96), u kontra prinċipji oħra żviluppati fost l-oħrajn mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u dan għaliex l-iskop ta' dawn l-obbligi huwa li jiġi assigurat li tabilħaqq isiru negozjati effikaċi bl-iskop li jiġu evitati jew imnaqqsa s-sensji in kwistjoni.

33. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta bħal donnha qiegħda tikkontendi li jekk jissussisti ksur tal-obbligi emerġenti mir-Regolamenti, ir-rappreżentanti tal-impjegati ma jistgħux iressqu ilment ta' 'tkeċċija inġusta' quddiem it-Tribunal għan-nom tal-appellat, u li l-appellat ma jistax iressaq ilment ta' 'tkeċċija inġusta' għaliex ġew leżi biss il-jeddijiet tar-rappreżentanti tal-impjegati, u mhux dawk tiegħu stess. Kompla jgħid li skont dan ir-raġunament, jirriżulta li l-appellanta donnha mhijiex tapprezza l-obbligi statutorji imposti fuqha bħala prinċipal li għażel li jniedi proċess ta' konsultazzjoni *ai termini* tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impjiegi) (L.S. 452.80). L-appellat spjega li r-rappreżentanti tal-impjegati huma l-mandatarji tal-impjegati, u għalhekk għandhom jaġixxu għan-nom u fl-interess tal-istess impjegati, u vjolazzjoni tad-drittijiet ta' dawn ir-rappreżentanti, hija wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet tal-impjegati. L-appellat qal li ALPA m'għandhiex il-*locus standi* meħtieġ fi proċeduri ta' stħarriġ ta' tkeċċija inġusta, ladarba huwa l-impjieg tal-appellat li ġie tterminat u mhux tal-*union* li huwa assoċjat magħha. L-appellat qal li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn azzjoni ċivili u azzjoni penali, u azzjoni ċivili tista' titmexxa indipendentement minn azzjoni penali. Qal li anki l-fatt li ċerti atti jistgħu jiġu kklassifikti bħala reat, ma jeskludix il-possibilità li t-Tribunal jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu u jistħarreġ jekk il-prinċipal ikunx onora l-obbligi statutorji

tiegħu, u t-Tribunal huwa prekluż biss milli jiddeċiedi jekk il-vjolazzjoni tal-obbligi in kwistjoni tikkostitwixxix reat, u milli jimponi l-pieni relattivi.

34. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li dan l-aggravju huwa simili għall-aggravju mressaq minnu fir-rikors tal-appell tiegħu, għalkemm qal li mhux minnu li huwa naqas milli jippreżenta prospett ċar tad-danni li sofra, għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa għamel riassunt tal-provi kollha miġjuba minnu in sostenn tad-danni li allegatament sofra. Żied jgħid li minkejja li d-deċiżjoni appellata ma tagħmel l-ebda riferiment għal dawn id-danni materjali, għandu jingħad li l-provi relattivi ma ġewx imxejna jew ikkuntrastati mis-soċjetà appellanta, u għalhekk dawn jirriżultaw debitament ippruvati. L-appellat żied jgħid li lanqas is-sottomissjoni tal-appellanta li huwa kellu garanzija ta' impjieg alternattiv ma jreġi, għaliex s-soċjetà appellanta ma kinitx parti f'dak il-ftehim, u għalhekk kwalsiasi obbligu legali naxxenti minn dak il-ftehim huwa *res inter alios acta* għaliha. L-appellat qal li b'dan l-argument, s-soċjetà appellanta qiegħda tistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti li diġà ġew evalwati mit-Tribunal. L-appellat hawnhekk għamel riferiment għall-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar ix-xogħol alternattiv offrut lilu, u dwar il-fatt li huwa xtaq li jkun ikkunsidrat għal xogħol mal-kumpannija Med Air, iżda ma ntgħażilx, kif ukoll għal xogħol mal-Malta Transport fejn ġew ingaġġati kollegi oħra tiegħu. L-appellat qal li t-Tribunal fehem li f'dan il-każ ma kienx raġonevoli li wieħed jippretendi li l-appellat jidħol f'impjieg għal żmien definit, liema xogħol ma kellu x'jaqsam xejn mal-professjoni tiegħu ta' bdot, u l-aċċettazzjoni ta' din l-offerta kienet ser tkun detrimentali għall-ambizzjoni tiegħu li jkompli fil-karriera ta' bdot. Qal li fil-fatt huwa ħataf l-ewwel opportunità li ġiet offruta lilu, dik ma'

Wizz Air. L-appellat qal ukoll li mhux minnu li huwa kellu xi forma ta' 'introjtu' ta' €1,200 fix-xahar minn ALPA, iżda din kienet sempliċement sellfitu l-flus għall-perijodu ta' żmien li matulu huwa kien mingħajr impjieg, u dan il-fatt irriżulta mix-xhieda mogħtija minnu quddiem it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

35. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Il-konklużjonijiet tat-Tribunal huma bbażati fuq konsiderazzjonijiet żbaljati peress li ma jaqgħux fil-parametri tal-liġi. L-allegat ksur seta' seħħ biss fil-konfront tar-rappreżentanta tal-impjegati u mhux fil-konfront tal-impjegati]*

36. Is-soċjetà appellanta tibda billi tagħti riassunt ta' numru ta' punti fattwali li wassluha għad-deċiżjoni li tittermina l-impjieg magħha ta' diversi bdoti, fi żmien meta ma kienx qiegħed isir l-ebda vvjaġġar bl-ajru, b'riżultat tar-restrizzjonijiet imposti bil-pandemija tal-COVID-19. Qalet li hija ppruvat tagħmel negozjati f'isem id-diversi setturi ta' impjegati li kellha magħha, iżda ma setgħetx tasal fi qbil ma' ALPA dwar l-impjegati fil-grad ta' piloti, u kien dan in-nuqqas ta' ftehim li wassal biex kellhom jingħataw is-sensji kollettivi lil numru ta' piloti. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma kienx korrett meta qal li ladarba kien hemm ksur tar-Regolamenti u tal-obbligi ta' konsultazzjoni min-

naħa tal-kumpannija, dan ifisser li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu jillimita d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk it-tkeċċija kinitx inġusta biss fil-kuntest ta' *redundancy,* u mhux abbażi ta' ksur tar-Regolamenti, u fi kwalunkwe każ id-dritt li wieħed iressaq ilment quddiem it-Tribunal minħabba ksur tar-Regolamenti, ma kienx jispetta lill-impjegat, iżda lir-rappreżentanti tiegħu. Hawnhekk is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-liġi relattiva, u qalet li t-tkeċċija kienet tkun inġusta li kieku saret in konnessjoni ma' raġuni oħra li mhijiex *redundancy,* jew jekk it-temm tal-impjieg kien diskriminatorju, iżda fil-każ odjern ġie stabbilit li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġenwina. Fil-fehma tas-soċjetà appellanta, it-Tribunal mar oltre l-limiti tal-kompetenza tiegħu, meta dan daħal fil-proċess tal-konsultazzjonijiet u tal-informazzjoni li ppreċedew is-sensji kollettivi li ngħataw, u kkonkluda li tali proċess ma sarx kif suppost. Is-soċjetà appellanta qalet li min-naħa tagħha hija rnexxielha tipprova li kienet tat l-informazzjoni meħtieġa lir-rappreżentanti tal-impjegati, u fi kwalunkwe każ id-dritt tal-individwu li jikkontesta t-tkeċċija tiegħu jidħol fis-seħħ wara li jkunu saru s-sensji kollettivi, u mhux waqt il-proċess ta' konsultazzjoni. Is-soċjetà appellanta daħlet ukoll fil-mertu ta' jekk fil-każ odjern setax jingħad li l-ksur tar-Regolamenti jammontax għal reat, f'liema każ dan ma jkunx jaqa' aktar taħt il-kompetenza tat-Tribunal.

37. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-proċeduri odjerni ġew proposti mill-appellat bħala wieħed mill-bdoti fil-grad ta' Kaptan mas-soċjetà appellanta, li kien milqut mis-sensji kollettivi li ngħataw meta l-kumpannija appellanta ħabbret li kien ser ikollha tnaqqas in-numru ta' bdoti fi żmien meta kien hawn diversi inċertezzi fis-settur, mhux l-anqas minħabba fis-sitwazzjoni mondjali li ġabet magħha l-

pandemija tal-COVID-19. L-appellat jilmenta li huwa ġie mkeċċi inġustament mill-impjieg li kellu, għaliex kien hemm anomaliji fil-mod kif s-soċjetà appellanta għażlet l-impjegati li kellhom jibqgħu fuq il-kotba tagħha, u l-mod kif ingħataw il-punti sabiex il-kumpannija waslet għall-*Full-Time Equivalent* min-numru ta' bdoti li kienet ser iżżomm biex l-operat tagħha jibqa' wieħed vijabbli. Wieħed mill-argumenti ewlenin tal-appellat, u li jidher li jifforma l-bażi tad-deċiżjoni tat-Tribunal, huwa li s-soċjetà appellanta naqset milli tonora l-obbligi tagħha li tagħti l-informazzjoni u milli tagħmel proċess ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-impjegati, u l-fatt li dan il-proċess ma sarx kif kellu jsir, wassal biex l-appellat ġie ppreġudikat, għaliex spiċċa tterminat mill-impjieg, f'ċirkostanzi fejn li kieku kellu l-informazzjoni kollha meħtieġa qabel, seta' jinnegozja biex jibqa' jew jieħu azzjoni f'ħinha biex it-tkeċċija tiegħu tiġi evitata. Wara kollox kienet is-soċjetà appellanta li qalet li kien hemm każijiet fejn inbidel il-grad ta' uħud mill-impjegati, u dawn minn Kaptani saru *First Officers,* u dan kollu sar f'tentattiv biex jiġi evitat it-telf tal-impjiegi.

38. L-appellat fir-risposta tiegħu jixħet dubju fuq kemm ir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà appellanta huwa wieħed ammissibbli, u jgħid li dan huwa bbażat fuq diversi punti fattwali li rriżultaw fil-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, u għalhekk ma jistax jingħad li dan huwa appell ibbażat fuq punt ta' liġi. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament, għaliex l-ilment tas-soċjetà appellanta huwa li l-azzjoni tar-rikorrent ma setgħetx tiġi proposta minn impjegati, iżda minn rappreżentant tal-impjegati, u dan in vista ta' dak li jipprovdu r-Regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80 u 452.96, fejn l-obbligi li allegatament kellhom jiġu mħarsa minnha bħala prinċipal, huma obbligi li kellhom jiġu eżerċitati fil-konfront tar-rappreżentanti tal-impjegati u

mhux tal-impjegati. Ladarba t-Tribunal iddeċieda li fil-każ odjern kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tal-appellat, peress li l-obbligi tas-soċjetà appellanta ma ġewx skarikati kif intenzjonat mil-leġislatur, il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa bbażat fuq punt ta' dritt, u għalhekk dan l-aggravju jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

39. Huwa minnu li l-obbligi ta' informazzjoni u konsultazzjoni, huma obbligi li l-prinċipal li jkun f'sitwazzjoni fejn qiegħed jipprospetta li jagħti numru ta' sensji kollettivi, irid josserva fil-konfront tar-rappreżentanti tal-impjegati. Fil-każ odjern it-Tribunal qies li dan l-obbligu ma ġiex osservat kif suppost u b'mod raġonevoli. Qies ukoll li l-perijodu ta' żmien li fih saru l-laqgħat ta' konsultazzjoni, kien wieħed qasir wisq biex tali konsultazzjoni setgħet kienet effettiva u waħda li tħares l-akbar numru ta' impjiegi possibbli. Barra minn hekk, il-fatt li kien hemm informazzjoni li nżammet mistura jew li nbidlet minn meta ngħatat lil ALPA u meta ngħatat lid-DIER, wassal biex inħolqu aktar suspetti fl-impjegati li l-proċess ma kienx qiegħed isir kif suppost, u kien abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda inġusta. Huwa għalhekk li kien l-appellat li kellu jipproponi din l-azzjoni, bħala l-persuna l-aktar affettwata bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu.

40. Il-Qorti tqis li l-ilment tal-appellat kien proponibbli, għaliex huwa ma talabx lit-Tribunal jistħarreġ l-aġir tas-soċjetà appellanta, u jekk din osservatx l-obbligi naxxenti mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80 u 452.96. Imma it-talba tiegħu kienet aktar speċifika minn hekk, u ċjoé jekk huwa ġiex preġudikat mill-fatt li s-soċjetà appellanta naqset milli tħares l-imsemmija obbligi, fatt dan li ġie

stabbilit mit-Tribunal, u l-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni, għaliex proċess ta' konsultazzjoni li sar fuq numru ta' ftit ġimgħat, ma seta' qatt ikun effettiv jew wieħed li jilħaq l-għanijiet li ried il-leġislatur meta impona obbligu bħal dan. It-Tribunal ikkonkluda li l-fatt li l-appellat ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni relattiva kollha fl-istadju tal-konsultazzjonijiet, wassal għal sitwazzjoni fejn l-appellat tkeċċa mill-impjieg, f'ċirkostanzi li jindikaw li t-tkeċċija tiegħu setgħet tiġi evitata jew seta' kien hemm arranġament aħjar li jwassal għat-tluq tal-appellat minn mas-soċjetà appellanta. Dan il-Qorti tgħidu speċifikament fir-rigward tal-lista ta' impjegati li s-soċjetà appellanta għaddiet lid-DIER bis-*seniority* ta' kull persuna ingaġġata magħha fil-grad ta' bdot jew kaptan, u bl-*FTEs* rispettivi li s-soċjetà appellanta ipprospettat li kienu ser ikunu meħtieġa għaliha biex timmaniġġja ż-żmien turbulenti tal-pandemija, u tilqa' għal dak li kien ġej wara li jerġa' jibda l-ivvjaġġar internazzjonali. Huwa hawnhekk fejn iqumu ċerti dubji partikolari għall-każ tal-appellat, li ma kienx ilu li ġie promoss għall-grad ta' Kaptan mas-soċjetà appellanta, iżda li kien ilu jagħmel xogħol ta' bdot għal diversi snin fil-grad ta' *first officer.* Dan il-fattur huwa importanti, partikolarment għaliex mill-provi jirriżulta li kien hemm numru ta' impjegati ingaġġati fil-grad ta' kaptan li ġew *demoted,* u dan f'tentattiv biex jiġi mminimizzat in-numru ta' impjiegi li ntilfu. F'dan ix-xenarju jidher li l-appellat ma ngħata l-ebda għażla, minkejja li huwa kien wieħed mir-rappreżentanti tal-impjegati fuq il-Kumitat ta' ALPA, u minkejja li kien involut fil-proċess konsultattiv li sar f'din il-vesti. Huwa għalhekk li l-appellat kien f'qagħda li jressaq dan l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal, forsi aktar minn impjegati oħra, għaliex bħala rappreżentant ta' ALPA kien jaf li l-proċess konsultattiv kien wieħed fjakk ħafna, u li ma tantx ħalla lok fejn it-tkeċċijiet maħsuba jiġu

nnegozjati. Ċertament li l-appellat kellu kull dritt jipproponi din l-azzjoni f'ismu u jitlob lit-Tribunal jisħarreġ jekk iċ-ċirkostanzi fattwali kollha li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, anki f'ċirkostanzi fejn is-sensji li ngħataw jistgħu jitqiesu li kienu ġenwini, kinux fil-fatt jammontaw għal tkeċċija inġusta fil-konfront tiegħu. Il-Qorti tqis li hawnhekk l-appellat għandu raġun jgħid li huwa kellu kull dritt li jikkontesta l-klassifikazzjoni tiegħu fil-lista tal-impjegati li ntgħażlu sabiex jiġu ssensjati, u li huwa kellu dritt ukoll jikkontesta l-kriterji adoperati mill-kumpannija, iżda dan ma sarx. L-aktar punt kruċjali f'dan il-proċess kollu, huwa li l-informazzjoni kellha tingħata qabel saru s-sensji u mhux wara, biex jista' jingħad li l-konsultazzjoni kienet effettiva. Sottomissjonijiet oħra li saru mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, qajla jsibu applikazzjoni f'dawn il-proċeduri kif tmexxew, u dan għaliex l-appellat jippreċiża li l-ilment tiegħu mhux ibbażat fuq id-diskriminazzjoni, u għalhekk l-element tad-diskriminazzjoni ma kienx fattur li kellu jiġi mistħarreġ mit-Tribunal.

41. Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal dak li qalet is-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, fejn tgħid li ksur tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 452, tal-obbligu li prinċipal jinnotifika lir-rappreżentanti tal-impjegati bil-miktub dwar is-sensji kollettivi pprospettati minnu, jammonta għal reat. Tgħid li għalhekk il-ksur li jilmenta minnu l-appellat jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati Kriminali u mhux tat-Tribunal. Tgħid li l-kompetenza tat-Tribunal hija eskluża ukoll minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 75(1)(ċ) tal-Kap. 452, li jipprovdi li:

> "75(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni eskużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –
>
> (a) Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;

(b) It-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perijodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem ta' terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u
(c) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,

Għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega l-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra ...".

42. Il-Qorti tirrileva li t-talba prinċipali tal-appellant lit-Tribunal hija sabiex dan isib li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta. It-talba ewlenija tal-appellat lit-Tribunal ma kinitx għal stħarriġ dwar jekk l-aġir tas-soċjetà appellanta jammontax għal ksur tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 452, imma dwar jekk l-aġir tas-soċjetà appellanta jammontax għat-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg li kellu. Il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni li qiegħda tipprova tagħti s-soċjetà appellanta għal dan l-artikolu tal-liġi, tisfida r-raġuni għaliex impjegat li jkun sofra aġir li jammonta għal 'reat', m'għandux jiġi mċaħħad mid-dritt li jirrikorri għal azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, jekk dik l-imġiba kriminuża twassal għat-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg. Fi kwalunkwe każ, hemm lok għal proċeduri penali separati, iżda ċertament m'għandux jiġi kkunsidrat li persuna li tiġi ppreġudikata sal-punt li titkeċċa mill-impjieg inġustament, m'għandux ikollha rimedju. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-motivazzjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-kumpens akkordat]*

43. Is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn ġie likwidat il-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, hija prattikament identika għall-aggravju sollevat mill-appellat fl-appell numru 11/2024, li qiegħed jiġi deċiż illum stess, fejn il-Qorti qieset li l-imsemmi aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu. Għaldaqstant il-Qorti m'hija ser tieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan l-aggravju, imma ser tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal, sabiex il-kwantu tal-kumpens jiġi deċiż skont il-liġi. Tidderieġi lit-Tribunal sabiex mhux biss jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-kumpens li għandu jiġi likwidat, imma jikkunsidra wkoll dak li qiegħed jiġi deċiż f'din l-istanza, u jikkunsidra l-fatti mill-ġdid u jara hemmx lok fejn il-kumpens iffissat jiġi rivedut għal ammont li jkun iqarreb it-telf attwalment subit mill-appellat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi skont il-liġi l-kwistjoni dwar il-kumpens li għandu jitħallas lill-appellant.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**